MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 254/2020 LM

**Paul Borg Olivier għan-nom u in rappreżentanza ta':**
**Yonas Rezene Gebremicel UNHCR 149-19C01934;**
**Merhawi Germay Asgedom UNHCR 149-19C01913;**
**Mogos Yohannes Mered UNHCR 149-19C01809;**
**Haji Nesredin UNHCR 507-19C04112;**
**Teklu Seum UNHCR 507-19C04269;**
**Aliksander Germay Yemane UNHCR 149-19CO1832;**
**Takhlit Shesai Garamadin UNHCR 507-19C00614;**
**Tsega Efrem Kebrom UNHCR 149-19C02024;**
**Diana Mahari Areyya UNHCR 507-18C05933;**
**Salam Mahari Tawledai UNHCR 149-19C02030;**
**Rahwa Hakous Youhans Kod 507-19C0012;**
**Welday Habte UNHCR 507-18C06022;**
**Abiel Yohanes UNHCR 507-18C06017;**
**Tarik Teweldbrhan UNHCR 507-19C01531;**
**Wehabezgie Weldu 149-19C01341;**
**Efrem Habtu UNHCR 507-19C01533;**
**Hamed Ker Mehamed Ker UNHCR 507-20C00710**
**Gyotom Mehrtab UNHCR 149-19C01901;**
**Roha Gabri UNHCR 507-C00256;**

**Abdu Mahmud UNHCR 149-18C01530;**
**Filmon Gebrezgabher UNHCR 507-19C00424**
**Yassin Adem UNHCR 149-19C01433;**
**Medhani Fetsum UNHCR 149-19C01368;**
**Yemani Gabremiskal UNHCR 149-19C01880;**
**Mogos Fesahatsen UNHCR 650-19C00124;**
**Ayoub Barakhtab UNHCR 149-19C01738;**
**Marhoi Abrahim UNHCR 507-19C02621;**
**Hainok Zaret UNHCR 149-19C01840;**
**Saead Alaminy UNHCR 507-19C00240;**
**Mekele Germay 149-19C01860;**
**Dejan Negos UNHCR 149-19C01830;**
**Fatsu Makeyal UNHCR 507-19C02626;**
**Merhawi Nagasi UNHCR 507-20C03751;**
**Robil Fishaha UNHCR 507-20C03752;**
**Sadal Hishi Kidano UNHCR 507-19C02548;**
**Filimon Rezene UNHCR 507-19C02734;**
**Walde Zorob UNHCR 149-19C01869;**
**Hagus Yemani UNHCR 149-19C01784;**
**Younatan Awagargesh UNHCR 507-20C00267;**
**Ilkoll ta' nazzjonalità Eritrea u residenti Tripli;**

**John Gany dar jiech UNHCR 597-20C03575;**
**Gai Riak Jith UNHCR 507-19C03140;**
**Abraham Puok Deng UNHCR 507-20C03587;**
**Chuol Nhial Jieng UNHCR 507-18C050663;**
**Gatwech Ruot Nyachon UNHCR 507-20C03591;**
**Karash Yasser Ibrahim UNHCR 507-20C03617;**
**Wal Kuol Bok UNHCR 507-18C04795;**
**Alisa Nyakuol UNHCR 507-19C02439;**
**Maria Philter Gatkuos UNHCR 507-20C02282;**
**Gaiek Gatkuoth Tang UNHCR 507-20C03229;**
**Ilkoll ta' Nazzjonalità Sud-Sudanisa, kif ukoll**
**Nourin Ahmed Adam UNHCR 507-19C04091 minn Darfour;**

**kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Fthawi Tesfamichael Welday (NLD85123757) u Asfaha Letenugus Amelesom (SWE15587827) fil-kwalità tagħhom bħala ħut u suċċessuri kull wieħed, ta' Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin;**

**vs**

**Il-Prim Ministru Robert Abela, il-Ministru Għall-Intern, Is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, Brigadier tal-Forzi Armati Clinton O'Neill bħala Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fl-4 ta' Novembru, 2020, mill-Avukat Paul Borg Olivier għan-nom u in rappreżentanza tar-rikorrenti **Yonas Rezene Gebremicel UNHCR 149-19C01934; Merhawi Germay Asgedom UNHCR 149-19C01913; Mogos Yohannes Mered UNHCR 149-19C01809; Haji Nesredin UNHCR 507-19C04112; Teklu Seum UNHCR 507-19C04269; Aliksander Germay Yemane UNHCR 149-19CO1832; Takhlit Shesai Garamadin UNHCR 507-19C00614; Tsega Efrem Kebrom UNHCR 149-19C02024; Diana Mahari Areyya UNHCR 507-18C05933; Salam Mahari Tawledai UNHCR 149-19C02030; Rahwa Hakous Youhans Kod 507-19C0012; Welday Habte UNHCR 507-18C06022; Abiel Yohanes UNHCR 507-18C06017; Tarik Teweldrbhan UNHCR 507-19C01531; Wehabezgie Weldu 149-19C01341; Efrem Habtu UNHCR 507-19C01533; Hamed Ker Mehamed Ker UNHCR 507-20C00710; Gyotom Mehrtab UNHCR 149-19C01901; Roha Gabri UNHCR 507-C00256; Abdu Mahmud UNHCR 149-18C01530; Filmon Gebrezgabher UNHCR 507-19C00424; Yassin Adem UNHCR 149-19C01433; Medhani Fetsum UNHCR 149-19C01368; Yemani Gabremiskal UNHCR 149-19C01880; Mogos Fesahatsen UNHCR 650-19C00124; Ayoub Barakhtab UNHCR 149-19C01738; Marhoi Abrahim UNHCR 507-19C02621; Hainok Zaret UNHCR 149-19C01840; Saead Alaminy UNHCR 507-19C00240; Mekele Germay 149-19C01860; Dejan Negos UNHCR 149-19C01830; Fatsu Makeyal UNHCR 507-19C02626; Merhawi Nagasi UNHCR 507-20C03751; Robil Fishaha UNHCR 507-20C03752; Sadal Hishi Kidano UNHCR 507-19C02548;**

**Filimon Rezene UNHCR 507-19C02734; Walde Zorob UNHCR 149-19C01869; Hagus Yemani UNHCR 149-19C01784; Younatan Awagargesh UNHCR 507-20C00267, ilkoll ta' nazzjonalità Eritrea u residenti Tripli; John Gany dar jiech UNHCR 597-20C03575; Gai Riak Jith UNHCR 507-19C03140; Abraham Puok Deng UNHCR 507-20C03587; Chuol Nhial Jieng UNHCR 507-18C050663; Gatwech Ruot Nyachon UNHCR 507-20C03591; Karash Yasser Ibrahim UNHCR 507-20C03617; Wal Kuol Bok UNHCR 507-18C04795; Alisa Nyakuol UNHCR 507-19C02439; Maria Philter Gatkuos UNHCR 507-20C02282; Gaiek Gatkuoth Tang UNHCR 507-20C03229, ilkoll ta' Nazzjonalità Sud-Sudaniża; kif ukoll Nourin Ahmed Adam UNHCR 507-19C04091 minn Darfour; kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Fthawi Tesfamichael Welday (NLD85123757) u Asfaha Letenugus Amelesom (SWE15587827) fil-kwalità tagħhom bħala ħut u suċċessuri kull wieħed, ta' Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'], fejn ġie sottomess dan li ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1 *Illi l-ewwel ħamsin rikorrent, flimkien ma żewġ ulied minorenni, huma uħud mill-immigranti li bejn il-11 ta' April 2020 u s-16 ta' April 2020 kienu vittmi ta'* pushback *lejn il-Libja waqt l-operazzjoni ta' "salvataġġ" li fiha kienet involuta dgħajsa tas-sajd li ttajjar bandiera Libjana, liema operazzjoni kienet qed tiġi ikkordinata mill-Awtoritajiet Maltin, filwaqt illi l-aħħar żewġ rikorrenti, u cioe, Fthawi Tesfamichael Welday (NLD85123757) u Asfaha Letengus Amelesom (SWE15587827) huma l-aħwa ta' Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin li mietu matul din l-istess operazzjoni.*

***Sfond fattwali***

2 *Fir-rigward tal-ewwel ħamsin rikorrent u ċioe ta' Yonas Rezene Gebremicel UNHCR 149-19C01934; Merhawi Germay Asgedom UNHCR 149-19C01913; Mogos Yohannes Mered UNHCR 149-19C01809; Haji Nesredin UNHCR 507-19C04112; Teklu Seum UNHCR 507-19C04269; Aliksander Germay Yemane UNHCR 149-19CO1832; Takhlit Shesai Garamadin UNHCR 507-19C00614; Tsega Efrem Kebrom UNHCR 149-19C02024; Diana Mahari Areyya UNHCR 507-18C05933; Salam Mahari Tawledai*

*UNHCR 149-19C02030; Rahwa Hakous Youhans Kod 507-19C0012; Welday Habte UNHCR 507-18C06022; Abiel Yohanes UNHCR 507-18C06017; Tarik Teweldrbhan UNHCR 507-19C01531; Wehabezgie Weldu 149-19C01341; Efrem Habtu UNHCR 507-19C01533; Hamed Ker Mehamed Ker UNHCR 507-20C00710; Gyotom Mehrtab UNHCR 149-19C01901; Roha Gabri UNHCR 507-C00256; Abdu Mahmud UNHCR 149-18C01530; Filmon Gebrezgabher UNHCR 507-19C00424; Yassin Adem UNHCR 149-19C01433; Medhani Fetsum UNHCR 149-19C01368; Yemani Gabremiskal UNHCR 149-19C01880; Mogos Fesahatsen UNHCR 650-19C00124; Ayoub Barakhtab UNHCR 149-19C01738; Marhoi Abrahim UNHCR 507-19C02621; Hainok Zaret UNHCR 149-19C01840; Saead Alaminy UNHCR 507-19C00240; Mekele Germay 149-19C01860; Dejan Negos UNHCR 149-19C01830; Fatsu Makeyal UNHCR 507-19C02626; Merhawi Nagasi UNHCR 507-20C03751; Robil Fishaha UNHCR 507-20C03752; Sadal Hishi Kidano UNHCR 507-19C02548; Filimon Rezene UNHCR 507-19C02734; Walde Zorob UNHCR 149-19C01869; Hagus Yemani UNHCR 149-19C01784; Younatan Awagargesh UNHCR 507-20C00267 ilkoll ta' nazzjonalità Eritrea u residenti Tripli; John Gany dar jiech UNHCR 597-20C03575; Gai Riak Jith UNHCR 507-19C03140; Abraham Puok Deng UNHCR 507-20C03587; Chuol Nhial Jieng UNHCR 507-18C050663; Gatwech Ruot Nyachon UNHCR 507-20C03591; Karash Yasser Ibrahim UNHCR 507-20C03617; Wal Kuol Bok UNHCR 507-18C04795; Alisa Nyakuol UNHCR 507-19C02439; Maria Philter Gatkuos UNHCR 507-20C02282; Gaiek Gatkuoth Tang UNHCR 507-20C03229; ilkoll ta' nazzjonalità Sud-Sudaniża; kif ukoll Nourin ahmed Adam UNHCR 507-19C04091 minn Darfour, huwa espost;*

***Abbandun fuq il-baħar***

3 *Illi bejn id-9 ta' April 2020 u s-16 ta' April 2020, Malta kienet involuta f'diversi operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-ibħra tagħha u taż-żona ta' sorveljanza li taqa' fir-responsabbilità tagħha, kif ukoll involuta f'operazzjonijiet ta' salvataġġ ta' migranti li kienu fis-*search and rescue area *(SAR) li Malta hija responsabbli għaliha;*

4 *Illi mill-atti tal-inkjesta quddiem il-Maġistrat Joseph Mifsud marbut mal-inċident ta' dan il-*pushback, *jirriżulta illi mhux biss kienu l-AlarmPhone li taw sinjali li kien hemm dgħajsa bin-nies fuqha li kienu fil-perikolu, u li kienet riesqa fid-direzzjoni ta' SAR ta' Malta, iżda fil-11 ta' April 2020 għall-ħabta tal-8.45 ta' filgħodu, ajruplan tal-Frontex illokalizza din id-dgħajsa bil-migranti fis-SAR tal-Libja riesqa fid-direzzjoni tas-SAR ta' Malta.*

5 *Illi jum wara, għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00AM), tat-12 ta' April 2020, ajruplan tal-Frontex illokallizza l-istess dgħajsa fuq il-fruntiera tas-SAR tal-Libja u dik ta' Malta, filwaqt li ajruplan tal-Forzi Armati ta' Malta illokalizza din l-istess dgħajsa fis-SAR ta' Malta fl-istess jum, għall-ħabta tal-11.30 ta' filgħodu, erba' u għoxrin siegħa wara li din id-dgħajsa ġiet identifikata mill-Alarmphone u mill-Frontex.*

*6 Illi jirriżulta wkoll illi kienu għaddew iktar minn għaxar sigħat minn meta id-dgħajsa kienet fis-SAR ta' Malta u l-mument illi l-Forzi Armati ingaġġaw id-dgħajsa privata tas-sajd, Dar Al Salam 1 biex din toħroġ għalihom, li wasslet fuq il-post fejn kienet id-dgħajsa bl-immigranti biss fl-14 ta' April 2020 għall-ħabta tas-2.30 ta' filgħodu, jiġifieri madwar disa' u tletin siegħa minn meta id-dgħajsa daħħlet fis-SAR Malti.*

*7 Illi, oltre dan, mill-ewwel darba li d-*dinghy *ġie innutat mill-ajruplan tal-Frontex, u bil-veloċità li bih kien għaddej, jirriżulta li dawn kienu ġià ilhom madwar jumejn u nofs fuq il-baħar qabel ma daħal fis-SAR ta' Malta u għalhekk fil-mument li d-dgħajsa daħlet fis-SAR ta' Malta il-kundizzjoni fiżika u psikoloġika tal-immigranti tkun ġià qed tiddeterjora.*

*8 Illi dan il-fatt fuq imsemmi ikun ben magħruf minn min qiegħed jagħmel l-operazzjoni ta' salvataġġ. Madankollu, il-Brigadier Curmi, li kien jaf li l-kapaċitajiet tal-assi tal-armati kienu allegatament fil-massimu tagħhom, stenna għal iktar minn erbgħa u għoxrin siegħa biex jitlob lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jikkordinaw l-ingaġġ ta' bastimenti privati.*

***Aġent tal-Istat bħala operatur tas-Salvataġġ***

*9 Illi d-dgħajsa tas-sajd, Dar Al Salam 1, telqet minn Malta, bħala aġent tal-Istat, fuq struzzjonijiet tal-Awtoritajiet Maltin, speċifikament biex teżegwixxi salvataġġ u biex toffri assistenza lil dgħajsa bl-immigranti li kienet fid-diffikultà u dan peress li l-istess Awtoritajiet Maltin allegaw li r-riżorsi tagħhom kienu laħqu l-kapaċità massimi tagħhom.*

*10 Illi bħala aġent tal-istat, id-dgħajsa kellha obbligu li l-operazzjoni sseħħ skont obbligi internazzjonali, inkluż dak ta'* non-refoulement *u għalhekk kull verżjoni li din id-dgħajsa daħlet fil-*home port *(kif stqarr il-Prim Ministru fl-4 t'April 2020 lil Media) mhux biss mhix ġustifikata, iżda tmur kontra l-obbligi ta' Malta li tassigura li l-immigranti jitwasslu f'port sigur skont il-konvenzjonijiet li Malta hija firmatarja tagħhom u dan ukoll kontra il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bneidem, espress fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. (fn. 1 HIRSI JAMAA U OĦRAJN V ITALY (27765/09) 23 ta' Frar 2012)*

***Ordni ta' Ritorn lejn il-Libja***

*11 Illi madankollu, l-Awtoritajiet Maltin taw struzzjonijiet lill-aġenti tagħhom sabiex l-immigranti jiġu ritornati lura lejn il-Libja, liema traġitt dam għal madwar tlieta u sittin (36) siegħa minn meta dawn ittellgħu minn fuq id-*dinghy.

*12 Illi matul dan il-*pushback *u qabel, l-immigranti kollha kienu f'kundizzjonijiet serji ta' saħħa fiżika u mentali tant illi numru minhom mietu fuq id-*dinghy *qabel is-salvataġġ, filwaqt illi tlieta minnhom mietu fuq il-bastiment Dar al Salam 1 wara li*

*"salva" lir-rikorrenti u sħabhom waqt li kien qed jirritorna lura lejn il-Libja fuq struzzjonijiet tal-Awtoritajiet Maltin.*

***Trattament inuman u degradanti***

*13 Illi r-rikorrenti kienu f'kundizzjoni serja ta' saħħa fiżika billi dawn sofrew minn nuqqas ta' ikel u xorb,* dehydration, *kif ukoll ħruq ikkawżat minn żmien twil esposti għax-xemx u għall-*fuel. *Oltre dan, ir-rikorrenti, flimkien ma' sħabhom sofrew trawma psikoloġika kbira minħabba d-dewmien tal-salvataġġ, il-fatt li kienu xhieda diretta tas-sofferenzi u l-imwiet ta' sħabhom, kif ukoll minħabba l-aġir tal-Awtoritajiet Maltin li ordnaw ir-ritorn tagħhom lejn il-Libja fejn kellhom ċ-ċertezza (u kif ġara), li ħa jsofru tortura u trattament degradanti u inuman, meta dawn kienu fil-kontroll effettiv tagħhom.*

*14 Illi l-immigranti kienu trattati b'mod inuman fuq il-bastiment ingaġġat mill-iStat, tant kienu kompletament abbandunati mill-ekwipaġġ. Huma ingħataw ftit ikel u xorb, inżammu fi stiva, bla ma ingħataw assistenza medika urġenti. Oltre dan, abbandunaw dawk li kienu fil-perikolu tal-mewt u li ma setgħux jinżlu fl-istiva billi tħallew fuq il-gverta tal-bastiment għall-kesħa u x-xita u għar-riskji tal-maltemp, tant li tnejn minnhom mietu, filwaqt li wieħed minnhom tniżżel minn sħabu l-immigranti, u minkejja li ppruvaw għamlu minn kollox biex jistejqer, miet f'idhom.*

*15 Illi din il-kundizzjoni fiżika u mentali tar-rikorrenti u tal-immigranti sħabhom ġiet kkonfermata minn uffiċjali tal-UNHCR li tinsab annessa fl-atti tal-inkjesta immexxija mill-Maġistrat Joseph Mifsud, konkluża fis-26 ta' Mejju 2020.*

*16 Illi oltre dan, fost ir-rikorrenti kien hemm nisa li huma vulnerabbli, inkluż, iżda mhux limitatament, tnejn mir-rikorrenti, Salam Mahari Tawledai mill-Eritrea kellha fil-kumpannija magħha wild ta' sentejn u nofs bl-isem Rai, u Alisa Nyakoul mis-Sud Sudan, kellha fil-kumpannija tagħha, wild ukoll bl-isem Nyadol Gai Riak.*

*17 Illi r-rikorrenti soffrew trattament inuman u degradanti waqt l-operazzjoni ta' salvataġġ minħabba l-mod kif ġew trattati, minħabba li tħallew mingħajr ikel u xorb u minħabba n-nuqqas ta' ħarsien mediku immedjat, tant li uħud mietu abbord il-bastiment Dar al Salam 1. Di più, l-awtoritajiet Maltin ma taw ebda kunsiderazzjoni lejn l-obbligi li kellhom skont il-liġijiet internazzjonali, regoli u direttivi Ewropej u liġijiet ta' Malta fil-konfront ta'* asylum seekers *ċertifikati, tant li l-awtoritajiet ma taw ebda każ lejn il-kundizzjoni ta' saħħa fiżika u mentali tar-rikorrenti, ma offrew ebda assistenza medika immedjata li minn kien fil-periklu tal-mewt, ma taw ebda kunsiderazzjoni lejn il-vulnerabilità tar-rikorrenti, partikolarmenti in-nisa u tfal, kif ukoll ma taw ebda kunsiderazzjoni lejn id-dritt tal-istess rikorrenti li japplikaw għall-ażil waqt li kienu fis-SAR ta' Malta, kif inhu d-dritt tagħhom, oltre li l-aġent tal-istat ma għamel xejn biex l-obbligi tal-awtoritajiet Maltin jiġu osservati kif ukoll biex jiġu imħarsa d-drittijiet tar-rikorrenti;*

*18 Illi ir-rikorrenti soffrew trattament inuman u degradanti wara li dawn ġew meħuda lura lejn il-Libja fuq ordni tal-intimati, liema aġir wassal għall-inkarċerazzjoni tal-istess rikorrenti f'ċentru ta' detenzjoni għal żmien twil, soġġetti għal swat, nuqqas ta' ikel, nuqqas ta' libertà kif ukoll misruqa minn effetti personali tagħhom inkluż* kits *mogħtija lilhom mil-UNHCR mal-wasla tagħhom fil-Libja.*

***Ebda kunsiderazzjoni għaċ-Ċertifikat ta' Ażil***

*19 Illi r-rikorrenti kollha kellhom ċertifikat ta'* asylum seekers *maħruġ mill-UNHCR fit-Tripli qabel ma dawn telqu mil-Libja, u minkejja dan huma ġew imċaħħda mid-dritt li jitolbu l-ażil waqt li kienu fil-kontroll tal-Awtoritajiet Maltin li taw l-ordni li dawn jittieħdu lura lejn il-Libja fejn ingħataw f'idejn l-Awtoritajiet Libjani, bi ksur ta' liġijiet internazzjonali u dawk Ewropej.*

*20 Illi mal-wasla tagħhom fil-Libja huma tpoġġew f'ċentru ta' detenzjoni f'Tarik Al Sikka u dan bi ksur ta' liġijiet internazzjonali u Ewropej u bi ksur tal-prinċipju ta'* non-refoulement.

***Tkeċċija Kollettiva u Ksur taċ-Charter tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea***

*21 Illi in oltre, l-istess agir da parti tal-intimati jew min minnhom, jikser l-Artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea hekk kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' il-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva ta' frustieri. Minkejja il-fatt illi t-tkeċċija kollettiva ta' frustieri hija pprojbita l-intimati ġew deportati kollettivament. Dan huwa ukoll bi ksur tal-Artikolu 19 (1) u (2) taċ-Charter tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea.*

*22 Illi, bħalma diġà ngħad, il-vittmi kellhom ukoll raġunijiet validi li jrressqu talba għal ażil, liema dirttijiet tagħhom ġew ukoll imċaħħda bl-azzjonijiet tal-awtoritajiet Maltin, liema dritt huwa protett b'Artikolu 18 taċ-Charter tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea.*

***Konklużjoni***

*23 Illi b'konsegwenza tal-aġir inuman u degradanti, ir-rikorrenti għadhom qed ibatu minn problemi ta' saħħa fiżika u mentali.*

*24 Illi in-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet internazzjonali, direttivi u regolamenti Ewropej kif ukoll liġijiet oħra Maltin mill-intimati wassal għal trattament inuman u degradanti fuq ir-rikorrenti bi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll għall-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 18 u 19 ta' Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea li jiggarantixxi id-dritt għall-ażil b'rispett għar-regoli tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-projbizzjoni ta' tkeċċijja kollettiva rispettivament, u obbligi oħra*

*internazzjonali, ukoll bi ksur tal-Artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*25 Illi huwa paċifiku fil-ġurisprudenza Ewropeja (fn. 2 CHAHAL V. THE UNITED KINGDOM (70/1995/576/662) 15 Novembru 1996) ormai illi permezz ta' espulsjoni ta' bniedem da parti ta' Stat, l-istess Stat jista' ikun responsabbli taħt Artikolu 3 tal-Konvenzjoni fejn jigi ippruvat illi minħabba tal-espulsjoni dak il-bniedem qiegħed jinkorri r-riskju li jiġi assoġġettat għal tortura jew trattament inuman fil-pajjiż fejn l-istess bniedem jiġi deportat.*

**26 <u>Fir-rigward tal-aħħar żewġ rikorrenti, u ċioe, Fthawi Tesfamichael Welday (NLD85123757) u Asfaha Letenugus Amelesom (SWE15587827) l-aħwa ta' Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin li mietu matul din l-istess operazzjoni.</u>**

***Telf ta' ħajja***

*27 Illi fl-atti tal-inkjesta quddiem il-maġistrat Dottor Joseph Mifsud l-Brigadier Jeffrey Curmi ikkonferma li kien hemm immigranti mejtin meta seħħ is-salvataġġ.*

*28 Illi, Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin, ħut r-rikorrenti* ***Fthawi Tesfamichael Welday*** *u* ***Asfaha Letenugus Amelesom rispettivament****, huma vittmi li ġew iddentifikat bħala tnejn mill-immigranti li mietu waqt operazzjoni ta' salvataġġ u li fiha kienet involuta dgħajsa tas-sajd li ttajjar bandiera Libjana, liema operazzjoni kienet qed tiġi ikkordinata mill-Awtoritajiet Maltin fl-istess perijodu.*

*29 Illi l-mewt ta' Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin seħħew bħala konsegwenza tal-operazzjoni immexxija mill-Awtoritajiet Maltin u min-nuqqas tal-istat Malti li jonora l-obbligi internazzjonali tiegħu, inkluż iżda mhux biss, fid-dmir ta' salvataġġ, fil-ħin u b'mod effettiv, kif ukoll bħala konsegwenza ta' nuqqasijiet serji fl-operazzjoni ta' salvataġġ bi ksur tal-istess obbligi internazzjonali kif provdut f'diversi trattati li Malta hija firmatarja tagħhom.*

*30 Illi bl-aġir tal-istess intimati Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteah Ghebremedhin ġew imċaħħda mid-dritt tal-ħajja kif ikkontemplat f'Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*31 Illi il-vittmi kellhom ukoll raġunijiet validi li jressqu talba għal ażil liema drittijiet tagħhom ġew ukoll imċaħħda bl-azzjonijiet tal-gvern Malti.*

*32 Illi dan l-egħmil wassal għall-vjolazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, imwettaq mill-Istat Malti kontra il-vittmi, kif ukoll għall-vjolazzjoni ta' obbligi oħra*

*internazzjonali, inkluż l-Artikolu 18 u 19 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u bi ksur tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.*

*33 In oltre, r-rikorrenti sostnu illi intimati jew min minnhom kisru ukoll id-dritt tagħhom ta' rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 13 ta' Konvenzjoni Ewropeja u Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jgħid illi*, 'Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga ufficjali'. *Ir-rikorrenti ma kellhomx mezz sabiex jikkontestaw id-deportazzjoni/*push back *tagħhom u in oltre, ma ngħataw l-opportunità li japplikaw għall-istatus ta' Refuġjat ai termini tal-Att dwar ir-Refuġjati (Kap 420) minkejja li kellhom dokumenti li juri li kienu* asylum seekers *liema dokumenti ngħatawlhom mill-UNHCR ġewwa Tripli, Libja*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara fil-konfront tar-rikorrenti kollha, li bl-aġir tal-intimati kif hawn fuq deskritt ġie leż id-dritt fundamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
2. *Tiddikjara fil-konfront tar-rikorrenti kollha, li bl-agir tal-intimati kif hawn fuq deskritt, ġie leż id-dritt fundamentali tal-esponenti kif protett mill-artikolu 19 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*
3. *Tiddikjara fil-konfront tar-rikorrenti kollha, li bl-aġir tal-intimati kif hawn fuq deskritt, ġie leż id-dritt fundamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea.*
4. *Tiddikjara li bl-aġir tal-intimat, bil-mod li tmexxiet l-operazzjoni ta' salvataġġ mill-istess intimati, fejn ir-rikorrenti Yonas Rezene Gebremicel UNHCR 149-19C01934; Merhawi Germay Asgedom UNHCR 149-19C01913; Mogos Yohannes Mered UNHCR 149-19C01809; Haji Nesredin UNHCR 507-19C04112; Teklu Seum UNHCR 507-19C04269; Aliksander Germay Yemane UNHCR 149-19CO1832; Takhlit Shesai Garamadin UNHCR 507-19C00614; Tsega Efrem Kebrom UNHCR 149-19C02024; Diana Mahari Areyya UNHCR 507-18C05933; Salam Mahari Tawledai UNHCR 149-19C02030; Rahwa Hakous Youhans Kod 507-19C0012; Welday Habte UNHCR 507-18C06022; Abiel Yohanes UNHCR 507-18C06017; Tarik Teweldrbhan UNHCR 507-19C01531; Wehabezgie Weldu 149-19C01341; Efrem Habtu UNHCR 507-19C01533; Hamed Ker Mehamed Ker UNHCR 507-20C00710; Gyotom Mehrtab UNHCR 149-19C01901; Roha Gabri UNHCR 507-C00256; Abdu Mahmud UNHCR 149-18C01530; Filmon Gebrezgabher UNHCR 507-19C00424; Yassin Adem UNHCR 149-19C01433; Medhani Fetsum UNHCR 149-19C01368; Yemani Gabremiskal UNHCR 149-19C01880; Mogos Fesahatsen UNHCR 650-19C00124; Ayoub Barakhtab*

*UNHCR 149-19C01738; Marhoi Abrahim UNHCR 507-19C02621; Hainok Zaret UNHCR 149-19C01840; Saead Alaminy UNHCR 507-19C00240; Mekele Germay 149-19C01860; Dejan Negos UNHCR 149-19C01830; Fatsu Makeyal UNHCR 507-19C02626; Merhawi Nagasi UNHCR 507-20C03751; Robil Fishaha UNHCR 507-20C03752; Sadal Hishi Kidano UNHCR 507-19C02548; Filimon Rezene UNHCR 507-19C02734; Walde Zorob UNHCR 149-19C01869; Hagus Yemani UNHCR 149-19C01784; Younatan Awagargesh UNHCR 507-20C00267 ilkoll ta' nazzjonalità Eritrea u residenti Tripli; John Gany dar jiech UNHCR 597-20C03575; Gai Riak Jith UNHCR 507-19C03140; Abraham Puok Deng UNHCR 507-20C03587; Chuol Nhial Jieng UNHCR 507-18C050663; Gatwech Ruot Nyachon UNHCR 507-20C03591; Karash Yasser Ibrahim UNHCR 507-20C03617; Wal Kuol Bok UNHCR 507-18C04795; Alisa Nyakuol UNHCR 507-19C02439; Maria Philter Gatkuos UNHCR 507-20C02282; Gaiek Gatkuoth Tang UNHCR 507-20C03229; ilkoll ta' Nazzjonalità Sud-Sudaniża; kif ukoll Nourin Ahmed Adam UNHCR 507-19C04091 minn Darfour, ġew meħuda lura lejn il-Libja fuq struzzjonijiet tal-intimati l-esponenti ġew imċaħħda mid-dritt jikkontestaw d-deportazzjoni/*pushback *tagħhom u imċaħħda mid-dritt li japplikaw għal ażil skont regoli internazzjonali, bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

5. *Tiddikjara fil-konfront tar-rikorrenti Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin li bl-agir tal-intimati kif hawn fuq deskritt, ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom kif protett mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
6. *Tillikwida ammont ta' kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija.*
7. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jħallsu l-kumpens hekk illikwidat.*
8. *Tagħti kull ordni u provvediment ieħor li jidhrilha li huwa xieraq sabiex tiżgura d-drittijiet fondamentali tal-esponenti u safejn huwa possibbli, ir-rikorrenti jitqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-vjolazzjoni. Inkluż b'ordni lill-intimati sabiex jagħtu aċċess lill-esponenti (barra Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin) sabiex ikunu jistgħu iressqu t-talba ta' ażil skont il-prattiċi, regoli u obbligi internazzjonali kif ukoll skont il-ligijiet ta' Malta u dawk Ewropej.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-protest ġudizzjarju numru 180/2020".*

2. Rat ir-Risposta tal-intimati **l-Prim Ministru Robert Abela, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi u l-Brigadier tal-Forzi Armati, Jeffrey Curmi bħala Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta** [minn

issa 'l quddiem 'l-intimati'], li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Novembru, 2020, fejn ingħad kif ġej:

*"Jgħidu bil-qima:*

1. *Illi qabel xejn, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' din il-kawża għaliex ir-rikorrenti m'humiex persuni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' Malta skont l-**artikolu 742 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Barra minn hekk, l-allegati fatti mertu ta' din il-kawża ma seħħewx fl-ibħra territorjali Maltin jew fiż-żona kontigwa ta' Malta, iżda fl-ibħra internazzjonali. Għalhekk **il-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta)** u **l-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea** ma japplikawx għall-fatti allegati* ratione loci*;*
2. *Illi bla ħsara għal dan, l-ewwel żewġ intimati m'humiex il-leġittimi kontradittури għall-azzjoni rikorrenti skont l-**artikolu 181B(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, billi huma m'humiex kap ta' dipartiment;*
3. *Illi l-avukat Paul Borg Olivier bħala mandatarju jrid jipprova li huwa għandu l-mandat ta' kull wieħed mir-rikorrenti sabiex huwa seta' jressaq din il-kawża u joqgħod fiha f'isimhom;*
4. *Illi hekk ukoll l-avukat Paul Borg Olivier jeħtieġlu juri li Fthawi Tesfamichael Welday u Asfaha Letenugus Amelesom mhux biss huma l-aħwa imma anke l-werrieta tal-mejtin Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin, ħalli b'hekk jintwera li huma għandhom* locus standi *f'din il-kawża u l-interess ġuridiku meħtieġ;*
5. *Illi* in limine litis *jingħad ukoll li l-parti tal-ilment li jolqot l-**artikoli 18** u **19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** huwa inammissibbli u null skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex dan l-ilment ma nġiebx b'rikors ġuramentat iżda nġieb b'rikors mhux maħluf. Tassew ma jidhirx li huwa ritwalment korrett li f'azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentlai tal-bniedem mibdija taħt il-**Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jiddaħħlu kwistjonijiet u talbiet li m'għandhom x'jaqsmu mal-**Konvenzjoni Ewropea.** Dan jidher li huwa eskluż ukoll skont ir-**regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni)**;*
6. *Illi safejn jolqot l-<u>**ewwel talba**</u> dwar allegat ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, il-mandanti tar-rikorrenti iridu l-ewwel iġibu prova li kull wieħed minnhom kien bejn sema u ilma bejn il-11 u s-16 ta' April 2020;*

7. *Illi b'żieda ma' dan, huwa bil-wisq evidenti li l-intimati ma jistgħux jitqiesu responsabbli għall-istat fiżiku u mentali li allegatament kienu jinsabu fih dawn l-immigranti fil-mument ta' qabel ma dawn ġew mogħtija l-għajnuna mill-awtoritajiet Maltin, u wisq inqas responsabbli matul il-perijodu li kienu fir-reġjun SAR Libjan. Wieħed ma jistax jinjora lanqas il-fatt illi l-immigranti għażlu minn jeddhom li jmorru fuq vjaġġ li huwa magħruf bħala wieħed perikoluż u fejn setgħu raġonevolment jistennew li ser ikunu espost għas-saħħa tal-elementi u li kienu ser jeħtieġu ilma, ikel u ħwejjeġ xierqa li jkopru l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom matul il-vjaġġ;*

8. *Illi l-intimati lanqas ma jistgħu jwieġbu għal xi għemil allegatament imwettaq mill-ekwipaġġ tal-bastiment Dar al Salam 1, minħabba li dan il-bastiment li jtajjar bandiera Libjana mhuwiex bastiment tal-Istat Malti u lanqas ma hu jew assuma l-vesti ta' aġent tal-Istat ta' Malta meta wettaq is-salvataġġ skont l-obbligi internazzjonali;*

9. *Illi l-bastiment Dar al Salam 1 intervjena fis-salvataġġ wara li ngħata struzzjonijiet biex jagħmel hekk mill-awtoritajiet Maltin, fit-twettiq tal-obbligi ta' Malta li tikkoordina s-salvataġġ ta' persuni fil-periklu li jkun fis-'Search and Rescue Region' (SAR) tagħha. Dan sar biex jiġu salvati l-ħajjiet. Il-fatt illi l-Istat responsabbli minn Reġjun SAR jagħti struzzjonijiet lill-kaptan ta' bastiment biex jesegwixxi salvataġġ ma jirrendix lil dak il-bastiment wieħed tal-Istat jew li jkun qed jaġixxi bħala estensjoni tal-Istat. Dan anke għaliex il-Konvenzjoni nnifisha tagħti setgħa li kemm bastimenti pubbliċi, kif ukoll privati, jiġu diretti mill-Istat responsabbli minn Reġjun SAR sabiex jagħti assistenza fuq il-baħar;*

10. *Illi l-kawża deċiża fit-23 ta' Frar 2012 mill-*Grand Chamber *tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet* ***"Hirsi Jamaa u Oħrajn vs L-Italja"*** *(Applikazzjoni numru 27765/09), li tissemma fir-rikors kostituzzjonali mhijiex daqstant rilevanti għaliex il-fatti f'dak il-każ kienu differenti minn dawk tal-kawża tallum. F'dak il-każ l-applikanti kienu ġew interċettati minn tlett bastimenti tal-Istat Taljan (viz. Tal-*Guardia di Finanza *u tal-*Guardia Costiera*), u wara ġew trasferiti fuq bastimenti militari tal-Istat Taljan u trasferiti lejn Tripli fil-Libja. Fil-każ tallum ma kienx hemm involuti bastimenti tal-Istat Malti, b'dana għalhekk li r-rikorrent nomine ma jistax isib wisq wens f'din is-sentenza;*

11. *Illi lil hemm minn dan, anke kieku stess, jissokta jingħad illi ladarba l-immigranti ġew salvati mill-għarqa, ma kienx hemm wisq aktar xi jsir mill-ekwipaġġ ta' Dar al Salam 1, ħlief li jtuhom ikel, xorb u gvieret sakemm jiġu żbarkati fl-eqreb post disponibbli meqjus iċ-ċirkostanzi kollha tal-mument u tal-bastiment, jiġifieri l-pandemija u l-fatt li portijiet oħra eqreb ukoll kienu magħluqin. L-ispazju abbord huwa naturalment limitat, bħalma kien ikun limitat li kieku ntużat kwalsiasi* patrol boat *oħra. Żgur però li s-sitwazzjoni u l-kundizzjoni abbord Dar al Salam 1*

*kienet aħjar minn dik tad-dgħajsa li kienu fiha, anke ghaliex din salvathom mill-għarqa u wasslithom fl-ewwel art disponibbli fejn setgħu jingħataw kura medika u assistenza immedjata;*

12. *Illi jingħad ukoll, li mhux minnu li l-intimati tawwlu apposta jew tnikkru biex jipprovdu l-assistenza tagħhom lil dawn l-immigranti. Anzi l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet Maltin kienet waħda f'waqtha u immedjata u lil hinn mill-obbligi strettament tagħhom. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li dan ma kienx l-uniku każ ta' tfittxija u salvataġġ li kien għaddej f'dak iż-żmien u ħin fl-isfond ukoll tal-emerġenza ta' saħħa pubblika li pparalizzat lil pajjiżna f'dak iż-żmien ta' biża'. L-obbligi internazzjonali ta' Malta taħt il-Konvenzjonijiet internazzjonali tas-SAR u tas-SOLAS huma fis-sens illi tikkoordina l-assistenza u s-salvataġġ fis-SAR tagħha, u dawn l-obbligi ġew imwettqa fis-sħiħ f'dan il-każ minkejja ċ-ċirkostanzi straordinarji u diffiċli li kienu jeżistu;*

13. *Illi l-koordinament ma' Dar al Salam 1, lanqas ma ħa aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa, kif jallega r-rikorrent* nomine. *Ta' min jgħid li sakemm sar il-koordinament ma' Dar al Salam 1, iċ-Ċentru Malti ta' Tfittxija u Salvataġġ (Rescue Coordination Centre Malta jew RCC Malta) kien ġa wettaq tlett titjiriet bl-*assets *tal-Istat Malti biex jillokalizza d-dgħajsa tal-immigranti (li ġiet lokalizzata biss mat-tielet titjira peress li d-dgħajsa kienet miexja u l-elementi metereoloġiċi għall-bdoti kienu kontrihom), kif ukoll għamel kuntatt u dawwar lill-bastiment MV Ivan fiż-żona fejn kienu jinsabu l-immigranti biex jagħti l-għajnuna tiegħu. Dan kollu meta wieħed irid iqis li l-ħin għas-sokkors fuq il-baħar ivarja prinċipalment skont il-kundizzjonijiet tal-baħar, li f'dal-każ ma kienux favorevoli.*

14. *Illi l-intimati jżidu wkoll illi d-distanzi fuq il-baħar huma sostanzjali u huwa normali li jkunu jinħtieġu għexieren ta' sigħat sakemm il-bastiment ta' salvataġġ jilħaq u jillokalizza d-dgħajsa li tkun tinsab f'periklu gravi u imminenti. Barra mil-lokalizzazzjoni tad-dgħajsa f'nofs ta' baħar, l-elementi metereoloġici bħar-riħ u l-qawwa tal-baħar, jilagħbu wkoll irwol essenzjali li jista' jikkomplika ferm kemm it-tfittxija, kif ukoll is-salvataġġ;*

15. *Illi l-RCC Malti bagħat il-bastiment MV Ivan fiż-żona fejn kien hemm id-dgħajsa tal-immigranti sabiex joffri l-assistenza tiegħu. Ġew mgħarrfa wkoll bastimenti oħrajn apparti l-MV Ivan iżda dawn ma wieġbux għas-sejħa. Minħabba d-daqs kbir ta' dan l-istess MV Ivan, ma kienx possibbli għalih li jwettaq is-salvataġġ hu stess għaliex kien hemm riskju ikbar ta' telf ta' ħajja jekk bastiment tal-kobor tiegħu jersaq lejn dgħajsa żgħira f'kundizzjonijiet ta' temp tant prekarji. Iżda minkejja li ma kienx possibbli għalih li jwettaq is-salvataġġ, dan il-bastiment baqa' fiż-żona ta' salvataġġ kif ordnat mill-RCC Malti, sabiex bil-*hull *tiegħu joffri kenn mir-riħ u l-mewġ lid-dgħajsa tal-immigranti;*

16. *Illi huwa ċar għalhekk illi l-intimati għamlu minn kollox u dak kollu li kien possibbli għalihom sabiex iħarsu l-ħajja u s-sigurtà tal-immigranti. Fost dawn il-miżuri nsibu wkoll il-ħruġ ta' NAVTEX lill-bastimenti kollha fiż-żona sabiex jassistu, kif ukoll intbagħtet konsenja ta' ikel u provvisti sabiex tintuża fl-assistenza lill-immigranti;*

17. *Illi għalhekk l-intimati, minkejja l-pressjoni enormi eżistenti dakinhar, ipprovdew l-għajnuna li kienet meħtieġa. Tassew ħadd mill-persuni mqabbda mill-intimati ma ħaqar, ma weġġa' jew prova jżeblah jew ibaxxi d-dinjità ta' xi ħadd. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din l-allegazzjoni tar-rikorrent* nomine *qiegħda tiġi respinta bl-aktar mod qawwi possibli bħala waħda li m'għandix mis-sewwa;*

18. *Illi lil hemm minn dan, l-intimati jiċħdu li huma b'xi mod ittrattaw b'mod inuman jew degradanti lil xi ħadd waqt l-operazzjoni ta' salvataġġ li seħħet f'April 2020. Anzi bil-kontra ta' dak li hemm imniżżel fir-rikors kostituzzjonali, l-intimati għamlu dak kollu possibbli fis-setgħa tagħhom sabiex joffru l-aħjar assistenza waqt dik l-operazzjoni. Għalhekk huwa għalkollox inġust li l-intimati jiġu attakkati u mixlija mir-rikorrent* nomine *b'dan il-mod;*

19. *Illi dejjem b'rabta ma' dan l-ilment, mhuwiex minnu li l-intimati ordnaw it-treġġija lura ta' xi ħadd. Kulma għamlu l-intimati huwa li għarrfu li ma setax ikun hemm dħul fil-portijiet ta' Malta minħabba li f'dak iż-żmien id-dħul f'Malta, kemm bil-baħar u kif ukoll bl-ajru, kien magħluq b'ordni tas-Superintendent tas-Saħħa Pubblika (mhux biss għall-immigranti) minħabba li Malta kienet fi stat dikjarat ta' emerġenza ta' saħħa pubblika minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Il-port eqreb ta' Lampedusa wkoll kien magħluq għall-istess raġunijiet.*

20. *Illi Malta ma setgħetx tkun meqjusa bħala* 'a place of safety' *għall-iżbank skont il-Konvenzjoni tas-SAR anke għaliex iċ-ċentri ta' detenzjoni f'Malta kienu ġa qed jiffaċċjaw tħassib ta' ffullar u nuqqas ta' spazju, u f'Malta kien hawn l-imxija tal-Covid-19 li saħansitra wasslet għall-għeluq tal-ajruport, portijiet u diversi stabbilimenti fost miżuri restrittivi oħra. Iċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Ħal Far kien mqiegħed fi stat ta' kwarantina u għalhekk anke l-aċċess għal faċilitajiet mediċi ma setax ikun garantiti. Huwa ċar għalhekk illi l-iStat Malti kien qiegħed iħabbat wiċċu ma' emerġenza ġo emerġenza. Bl-eqreb port ta' Lampedusa magħluq ukoll, Tripli kien l-eqreb post disponibbli fejn setgħet tingħata assistenza f'dawn iċ-ċirkustanzi straordinarji;*

21. *Illi fl-aħħarnett dwar l-allegat trattament ħażin ġewwa l-Libja, l-intimat jwieġbu illi huma m'għandhom l-ebda awtorità jew kontroll fuq dak li jseħħ ġewwa Stat Sovran ieħor. F'kull każ, minn dak li ġew mgħarrfa l-esponenti, jidher li malli l-immigranti waslu lura l-Libja, huma ġew milqugħa u mpoġġija taħt il-protezzjoni tal-UNHCR. Għalhekk b'riferenza għal dak li jixli r-rikorrent* nomine *huwa altament dubjuż li l-immigranti ġew ittorturati fil-Libja.*

22. *Illi jmiss lir-rikorrent* nomine *jressaq prova lil-Libja kienet meqjusa bħala pajjiż li mhux meqjus suffiċjentement sigur għall-fini tal-iżbark tagħhom, fid-data rilevanti.* ***Il-Kummissjoni Ewropea regolarment tiffinanzja, tħarreġ u tattrezza lill-Gwardja tal-Kosta Libjana sabiex din twaqqaf immigranti li jkunu ħarbu mil-Libja milli jaqsmu lejn l-Ewropa u teħodhom lura lejn il-Libja, inkluż fid-data mertu tal-kawża – dan il-fatt ixejjen dil-asserzjoni tar-rikorrenti;***

*L-ewwel talba għalhekk mhijiex mistħoqqha u għandha tiġi miċħuda kollha kemm hi;*

23. *Illi* ***t-tieni talba*** *marbuta ma' allegat ksur tal-****artikolu 19 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea*** *u mal-****artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea*** *wkoll ma tixraqx li tintlaqa', minħabba li f'dan il-każ ma seħħet l-ebda tkeċċija ta' frustieri mit-territorju ta' Malta;*

24. *Illi l-persuni li kienu fuq id-dgħajsa qatt ma kienu fil-ġurisdizzjoni jew territorju tal-Istat Malti u wisq inqas qatt ma kienu fil-kontroll effettiv tal-awtoritajiet Maltin. Għalhekk ma jistax, la legalment u wisq anqas fattwalment, jingħad li seħħ ksur tal-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva;*

25. *Illi hawnhekk wieħed għandu jagħraf bejn l-ibħra territorjali Maltin u ż-żona ta' Tfittxija u Salvataġġ Maltija. Din tal-aħħar mhix territorju Malti u ma tagħtix drittijiet ta' sovranità u ġurisdizzjoni f'sens legali. F'din iż-żona, iċ-Ċentru Malti ta' Tfittxija u Salvataġġ għandu d-dmir li jikkoordina s-salvataġġ però ż-żona tibqa' parti mill-ibħra internazzjonali fejn l-Istat ma jistax jeżerċita dawk li jissejħu* 'sovereign rights'. *Tant hu hekk, illi dgħajjes fl-ibħra internazzjonali jgawdu mill-hekk imsejjaħ* 'freedom of navigation on the high seas', *u d-dritt tal-bandiera, kif imħarsa mill-UNCLOS;*

26. *Illi ukoll il-Gvern Malti ma jistax jiġi mixli li wettaq tkeċċija għaliex meta l-immigranti ttieħdu l-Libja huma ttieħdu f'port li kellu l-obbligu li jiżbarkhom skont id-dritt internazzjonali u effettivament ittieħdu hemmhekk minn bastiment li mhuwiex tal-Istat Malti biex isalvalhom ħajjithom;*

27. *Illi bla ħsara għal dan kollu, jiżdied jingħad ukoll li għalkemm huwa minnu li l-awtoritajiet Maltin ma ħallewx lill-immigranti jidħlu f'Malta, dan però ma seħħx b'kapriċċ jew minħabba xi rieda ħażina. Tassew l-intimati kellhom raġunijiet tajba li ma jħallux immigranti jidħlu f'Malta u dan għaliex f'dak iż-żmien Malta kienet tinsab għaddejja minn stat ta' emerġenza fil-qasam tas-saħħa pubblika u ma setgħetx tkun meqjusa bħala* 'a place of safety' *għall-iżbark skont il-Konvenzjoni tas-SAR. L-eqreb port ta' Lampedusa kien magħluq ukoll għall-istess raġunijiet, u Tripli kien l-eqreb post disponibbli fejn setgħet tingħata assistenza f'dawn iċ-ċirkustanzi straordinarji;*

28. *Illi wieħed irid jifhem u japprezza li dak iż-żmien Malta kienet qiegħda tħabbat wiċċha ma' pandemija ġdida u għalhekk sakemm l-awtoritajiet Maltin ippruvaw jifhmu eżatt kif kienu sejrin jilqgħu għal din it-theddida ġdida, huma ma setgħu jħallu lil ħadd jidħol f'pajjiżna. Wara kollox Malta kienet qiegħda timxi fuq il-passi ta' pajjiżi oħra li kienu qegħdin iwaqqfu d-dħul ta' barranin;*

*Jiġi b'hekk, li anke din it-tieni talba għandha tiġi mwarrba;*

29. *Illi għall-istess raġunijiet, it-__**tielet talba**__, kif mibnija fuq l-**artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet ta' Malta tal-Unjoni Ewropea** wkoll ma tistax tintlaqa'. Biex persuna titlob stat ta' ażil f'pajjiż hija trid tkun l-ewwel preżenti f'dak il-pajjiż. Kif rajna l-immigranti inkwistjoni qatt ma kienu fit-territorju Malti jew fuq xi bastiment li legalment huwa meqjus li jagħmel mat-territorju Malti. Hekk ukoll l-immigranti qatt ma kienu fil-kontroll effettiv tal-Istat Malti. Jiġi b'hekk, li ebda dritt għall-ażil ma seta' jitnissel mill-fatt waħdu li dawn l-immigranti kienu jinsabu fiż-żona ta' Tfittxija u Salvataġġ. Jerġa' jiġi mtenni li l-fatt waħdu li din iż-żona taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Malta ma jagħmilx din iż-żona bħala territorju tal-Istat Malti;*

30. *Illi b'żieda ma' dan, f'April 2020 ma setgħu jiġi milqugħa l-ebda talbiet għall-ażil sewwasew minħabba ċ-ċirkostanzi pekuljarji u eċċezzjonali li nħolqu minħabba l-pandemija qerrieda li kienet bdiet taħkem id-dinja kollha f'qasir żmien;*

31. *Illi r-__**raba' talba**__ dwar ksur tal-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea**, ma tistax tintlaqa' minħabba li r-rikorrent* nomine *ma rabatx dan l-ilment ma' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali mħarsa bil-**Konvenzjoni Ewropea**;*

32. *Illi minbarra dan, dawk il-proċeduri kostituzzjonali stess għandhom is-saħħa li jagħtu rimedju lill-mandanti tar-rikorrent* nomine *jekk jinstab li verament ġew miksura lilhom xi drittijiet fundamentali li huma mħarsa taħt il-**Konvenzjoni Ewropea**;*

33. *Illi l-**artikolu 13** ma jeżiġix xi proċedura partikolari dwar kif għandu jingħata r-rimedju. L-importanti huwa li jingħata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali.*

*Fil-fehma tal-esponent din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha hija awtorità nazzjonali li tista' tagħti rimedju effettiv jekk jinstab li tassew seħħew infrazzjonijiet konvenzjonali. Fuq kollox imbagħad wieħed ma jridx jinsa li r-rikorrent* nomine *qiegħed iressaq ilmenti li huma mħarsa biss bil-**Kostituzzjoni ta' Malta** u bil-**Konvenzjoni Ewropea**, b'dan għalhekk li huwa ma jistax jippretendi li azzjoni bħal din ma tkunx fil-forum kostituzzjonali;*

*Anke din it-talba għalhekk għandha tiġi miċħuda;*

34. *Illi safejn il-__**ħames talba**__ tinsab imsejsa fuq l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt għall-ħajja, kif imħares bl-**artikolu 33 tal-Kostituzzjoni** u bl-**artikolu 2 tal-Konvenzjoni***

***Ewropea**, ir-rikorrent* nomine *irid l-ewwel jipprova li Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengstaeb Ghebremedhin tassew tilfu ħajjithom meta kienu effettivament fuq id-dgħajsa ta' salvataġġ. Fir-rikors kostituzzjonali tiegħu, ir-rikorrent* nomine *naqas milli jistabbilixxi b'mod uffiċjali l-lok, id-data, il-ħin u l-kawża tal-mewt jew telfa ta' Tesfamichael Welday u Filimon Mengstaeb Ghebremedhin. Anzi r-rikorrent* nomine *nnifsu jistqarr li l-immigranti diġà kienu ilhom madwar jumejn u nofs fuq il-baħar qabel ma daħal fiż-żona ta' tfittxija u salvataġġ ta' Malta. Għalhekk mingħajr prova ta' din ix-xorta, din it-talba ma tistax tintlaqa';*

35. *Illi lil hemm minn dan, żgur u mhux forsi din it-talba safejn indirizzata kontra l-intimati hija assolutament bla bażi kemm fil-fatt u kif ukoll fil-liġi. Dan qed jingħad peress li ħadd mill-intimati ma qiegħed ħajjet Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengstab Ghebremedhin fil-perikolu jew b'xi mezz ċaħħadhom mill-jedd għall-ħajja tagħhom;*

36. *Illi fis-sewwa ħadd mill-intimati ma kellu l-*animus necandi *li jneħħi ħajjet dawn iż-żewġ persuni jew l-*animus nocendi *li jwettaq xi ħsara għal saħħithom. Kemm hu hekk, inkjesta maġisterjali li saret għal dan l-iskop ħelsithom minn kull akkuża marbuta ma' omiċidju;*

37. *Illi lil hemm minn dan, l-intimati jerġgħu jtennu li huma għamlu l-almu kollu tagħhom sabiex jipprovdu l-aqwa assistenza li setgħu waqt l-operazzjoni ta' salvataġġ. L-obbligi internazzjonali ġew osservati bir-reqqa u għalhekk huma jiċħdu li kien hemm negliġenza jew nuqqasijiet min-naħa tagħhom li wasslet għall-mewt jew telf ta' Mogos Tesfamichael Welday u filimon Mengstaeb Ghebremedhin;*

*Għaldaqstant anke dan l-ilment ma jistax jitqies bħala wieħed mistħoqq minħabba li ħadd mill-intimati ma pperikola jew ġab fir-riskju ħajjet Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengstaeb Ghebremedhin;*

38. *Illi l-intimati jagħlqu billi jisħqu li ladarba fil-fehma tagħhom m'għandhomx jintlaqgħu l-ewwel ħames talbiet tar-rikorrent* nomine, *allura lanqas ma jistgħu jiġu milqugħa l-**<u>aħħar tlitt talbiet tagħhom</u>** dwar ir-rimedji li qed jippretendu illi jiksbu;*

39. *Bla ħsara għall-eċċezzjonijiet oħra li jista' jitqajmu skont il-liġi;*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti umilment huma tal-fehma illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent* nomine, *bl-ispejjeż kontra tiegħu;"*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2023, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

6. Ir-rikorrenti jispjegaw li l-ewwel ħamsin minnhom, flimkien ma' żewġ ulied minorenni, huma fost dawk il-migranti li qegħdin jallegaw li sfaw vittmi ta' *pushback* lejn il-Libja bejn il-11 ta' April, 2020, u s-16 ta' April, 2020, waqt operazzjoni msejħa waħda ta' *'salvataġġ'* li kienet qiegħda titwettaq mill-Awtoritajiet Maltin [minn issa 'l quddiem 'l-Operazzjoni']. Jispjegaw li l-aħħar żewġ rikorrenti minnhom huma ħut Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin, li spiċċaw tilfu ħajjithom waqt l-imsemmija Operazzjoni. Jispjegaw li bejn id-9 ta' April, 2020 u s-16 ta' April, 2020, Malta kienet qiegħda twettaq diversi operazzjonijiet ta' sorveljanza fl-ibħra tagħha u fiż-żona ta' sorveljanza li hija responsabbli għaliha, u anki operazzjonijiet ta' salvataġġ ta' migranti li kienu qegħdin fis-*Search and Rescue Area* [minn issa 'l quddiem 'SAR'] taħt ir-responsabbiltà tagħha. Jirrilevaw li mill-atti tal-Inkjesta li saret fir-rigward tal-Operazzjoni, jirriżulta li l-*AlarmPhone* kienet tat is-sinjali li kien hemm dgħajsa bin-nies fuqha, li kienet fil-periklu, u li kienet riesqa fid-direzzjoni tas-SAR ta' Malta, u anki ajruplan tal-Frontex kien illokalizza l-imsemmija dgħajsa bil-migranti fuqha fis-SAR tal-Libja riesqa lejn is-SAR ta' Malta. Il-ġurnata ta' wara għall-ħabta tal-10.00 ta' filgħodu, l-ajruplan tal-Frontex reġa' illokalizza d-dgħajsa, din id-darba fuq il-fruntiera tas-SAR tal-Libja u dik ta' Malta. L-ajruplan tal-Forzi Armati llokalizza din l-istess dgħajsa aktar tard fil-11.30 ta' filgħodu, jew erbgħa u għoxrin siegħa wara li kienet ġiet

identifikata mill-AlarmPhone u mill-Frontex, fis-SAR ta' Malta. Jikkontendu li madankollu għaddew iktar minn għaxar sigħat minn meta d-dgħajsa kienet fis-SAR ta' Malta qabel ma l-Forzi Armati inkarigaw dgħajsa privata tas-sajd bl-isem Dar al Salam sabiex din toħroġ għall-migranti. Jgħidu li din waslet ħdejn id-dgħajsa fl-14 ta' April, 2020, għall-ħabta tas-2.30 ta' filgħodu jew disgħa u tletin siegħa minn meta d-dgħajsa daħlet fis-SAR ta' Malta. Ir-rikorrenti jispjegaw li jirriżulta li huma kienu diġà ilhom jumejn u nofs fuq il-baħar qabel ma daħlu bid-dgħajsa fis-SAR ta' Malta, u għalhekk il-kundizzjoni fiżika u psikoloġika tagħhom kienet diġà qiegħda tmur lura kif għandu jkun jaf sew min ikun qed jagħmel operazzjoni ta' salvataġġ. Jikkontendu li għalkemm il-Brigadier Curmi kien jaf sew li l-kapaċitajiet tal-assi tal-Forzi Armati kienu allegatament fil-massimu tagħhom, huwa tnikker għal iktar minn erbgħa u għoxrin siegħa sabiex jitlob lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru jikkordina l-ingaġġ ta' bastimenti privati. B'hekk telqet minn Malta id-dgħajsa Dar al Salam ingaġġata bħala aġent tal-Istat, b'istruzzjonijiet ta' salvataġġ u assistenza lid-*dinghy* bil-migranti li kienet fid-diffikultà. Ir-rikorrenti jikkontendu li fil-kwalità tagħha ta' aġent tal-Istat, id-dgħajsa kienet obbligata li teżegwixxi l-operazzjoni skont l-obbligi nazzjonali, ukoll dak ta' *non-refoulement*. Għaldaqstant isostnu li kull għajdut, anki kif stqarr il-Prim Ministru lill-*media* fl-4 ta' April, 2020, li d-dgħajsa kienet daħlet fil-*home port,* ma kienx ġustifikat u kien saħansitra jmur kontra l-obbligi ta' Malta li tagħmel żgur li l-immigranti jitwasslu f'port sigur skont il-konvenzjonijiet li tagħhom hija firmatarja, u marret ukoll kontra dak li tipprovdi il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rikorrenti jgħidu li madankollu, l-Awtoritajiet Maltin taw struzzjonijiet lill-aġenti tagħhom sabiex l-immigranti jittieħdu lura lejn il-Libja fejn il-vjaġġ dam madwar tlieta u sittin (36) siegħa mill-ħin li huma ttellgħu fuq id-Dar al Salam. Jispjegaw li matul l-Operazzjoni u

saħansitra anki qabel, l-immigranti kienu kollha f'kundizzjonijiet serji ta' saħħa fiżika u mentali, tant li kien hemm minnhom li mietu fuq id-dgħajsa tagħhom qabel l-istess Operazzjoni, filwaqt li tlieta minnhom mietu fuq id-Dar al Salam. Dwar l-allegat trattament inuman u degradanti, ir-rikorrenti jissottomettu li dan id-deterjorament tal-immigranti seħħ minħabba nuqqas ta' ikel u ta' xorb, deidrazzjoni u espożizzjoni għal żmien twil għax-xemx u għall-*fuel.* Barra minn hekk, huma għaddew minn trawma psikoloġika qawwija meta l-Operazzjoni ħadet il-ħin, u anki raw lil sħabhom isofru u jmutu, iżda anki minħabba l-ordni tal-Awtoritajiet Maltin għar-ritorn tagħhom ġewwa l-Libja, fejn kienu ċerti, kif filfatt ġara, li huma kienu ser isofru tortura u trattament degradanti u inuman. Ir-rikorrenti jallegaw li huma kienu wkoll ġew trattati b'mod inuman fuq id-Dar al Salam, fejn ġew kompletament abbandunati mill-ekwipaġġ, billi ngħataw biss ftit ikel u xorb, u nżammu fl-istiva bla ebda assistenza medika urġenti. Jgħidu li dawn abbandunaw ukoll lil dawk li kienu fil-periklu tal-mewt u li ma setgħux jinżlu fl-istiva billi tħallew fuq il-gverta fil-kesħa u fix-xita u esposti għall-maltemp, sabiex b'hekk tnejn minnhom mietu u l-ieħor niżluh sħabu l-immigranti, iżda ma rnexxielhomx isalvawh. Ir-rikorrenti jirrilevaw li din il-kundizzjoni fiżika u mentali tagħhom u tal-immigranti l-oħra sħabhom, kienet ġiet ikkonfermata minn uffiċjal tal-UNHCR, kif din tirriżulta annessa fl-atti tal-Inkjesta magħluqa fis-26 ta' Mejju, 2020. Ir-rikorrenti jirrilevaw ukoll li fosthom, kien hemm nisa li kienu vulnerabbli, inkluż tnejn mir-rikorrenti stess li kellhom wild magħhom kull wieħed. Jispjegaw li huma sofrew trattament inuman u degradanti waqt l-Operazzjoni, riżultat ta' kif huma kienu ġew itrattati, jiġifieri li tħallew mingħajr ikel u xorb u attenzjoni medika immedjata, tant li kien hemm min kien miet abbord id-Dar al Salam. Jikkontendu li l-Awtoritajiet Maltin ma kkunsidrawx l-obbligi tagħhom skont il-liġijiet internazzjonali, ir-regoli u d-direttivi Ewropej u l-liġijiet ta' Malta fil-konfront ta'

dawk li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil. Jgħidu ir-rikorrenti li l-imsemmija Awtoritajiet Maltin ma ħarsux lejn il-kundizzjoni ta’ saħħa fiżika u mentali tagħhom, m’offrewx assistenza medika immedjata lil min kien fil-periklu tal-mewt, ma taw l-ebda kunsiderazzjoni lejn il-vulnerabilità tagħhom, l-aktar in-nisa u t-tfal, u lanqas lejn id-dritt tagħhom li japplikaw għall-ażil waqt li kienu fis-SAR Malti kif kien id-dritt tagħhom. Jgħidu li dan oltre li l-aġent tal-Istat m’għamel xejn sabiex jassigura li l-obbligi tal-awtoritajiet Maltin jiġu osservati u anki jitħarsu d-drittijiet tagħhom. Ir-rikorrenti jsostnu li huma sfaw vittmi ta’ trattament inuman u degradanti wara li huma ġew ritornati lura fil-Libja fuq ordni tal-intimati. Din l-ordni kienet wasslet għall-inkarċerazzjoni tagħhom f’ċentru ta’ detenzjoni għal żmien twil, fejn huma kienu ġew soġġetti għal swat, nuqqas ta’ ikel, u nuqqas ta’ libertà. Huma kienu ġew misruqa mill-effetti personali tagħhom, anki l-*kits* li ngħataw lilhom mill-UNHCR hekk kif waslu ġewwa l-Libja. Dwar l-allegata nuqqas ta’ kunsiderazzjoni taċ-ċertifikat tal-ażil, ir-rikorrenti jispjegaw li huma kollha kellhom fil-pussess tagħhom ċ-ċertifikat relattiv mogħti lilhom mill-UNHCR ġewwa Tripli qabel ma telqu mil-Libja. Madankollu, huma kienu ġew imċaħħda mid-dritt li jitolbu l-ażil waqt li kienu fil-kontroll tal-Awtoritajiet Maltin, fejn dawn kienu taw l-ordni għar-ritorn tagħhom fil-Libja u ngħataw f’idejn l-Awtoritajiet Libjani, u dan bi ksur tal-liġijiet internazzjonali u dawk Ewropej. Jispjegaw li hekk kif waslu ġewwa l-Libja, huma kienu ttieħdu f’ċentru ta’ detenzjoni f’Tarik Al Sikka, u dan ukoll bi ksur tal-liġijiet internazzjonali u Ewropej, kif ukoll bi ksur tal-prinċipju ta’ *non-refoulement.* Dwar it-tkeċċija kollettiva u l-ksur tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea*,* ir-rikorrenti jissottomettu li l-aġir in kwistjoni jikser l-Artikolu 4 tar-Raba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif tinstab inkorporata fil-Kap. 319. Jispjegaw li dan l-Artikolu jipprojbixxi t-tkeċċija kollettiva ta’ frustieri, imma minkejja d-dispożizzjonijiet tiegħu, huma kienu

ġew iddeportati kollettivament, u b'hekk ukoll ġew leżi s-subartikoli 19(1) u 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea. Għal dak li jirrigwarda d-dritt tagħhom li jitolbu għall-ażil kif imħares mill-Artikolu 18 tal-istess Karta, dan ukoll huma ġew imċaħħda minnu. Ir-rikorrenti jagħlqu billi jissottomettu li kawża tal-aġir inuman u degradanti, huma għadhom u qegħdin ibatu minn problemi ta' saħħa fiżika u mentali. Jgħidu li n-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet internazzjonali, tad-direttivi u tar-regolamenti Ewropej, kif ukoll ta' liġijiet oħra Maltin, wassal għal trattament inuman u degradanti fil-konfront tagħhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, iżda wkoll għal vjolazzjoni tal-Artikoli 18 u 19 tal-Karta li tiggarantixxi d-dritt għall-ażil b'rispett għar-regoli tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva rispettivament, kif ukoll obbligi oħra internazzjonali, iżda anki bil-ksur tal-Artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Jirrilevaw li huwa paċifiku fil-ġurisprudenza Ewropea li l-Istat jista' ikun responsabbli taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jekk jiġi ppruvat li l-espulsjoni ta' bniedem ġabet riskju li dan jiġi assoġġettat għal tortura jew trattament inuman fil-pajjiż fejn ikun ġie deportat. Dwar l-aħħar żewġ rikorrenti, Fthawi Tesfamichael Welday u Asfaha Letenugus Amelesom, li huma l-aħwa rispettivi ta' Mogos Tesfamichael Welday u ta' Filimon Mengsteab Ghebremedhin li mietu matul l-Operazzjoni, jispjegaw li fl-atti tal-Inkjesta, il-Brigadier Jeffrey Curmi kkonferma li kien hemm immigranti mejtin meta twettqet l-imsemmija Operazzjoni. Jikkontendu li l-mewt tagħhom seħħet riżultat ta' dik l-Operazzjoni u tal-fatt li l-Istat Malti naqas milli jonora l-obbligi internazzjonali tiegħu, inkluż id-dmir ta' salvataġġ fil-ħin u b'mod effettiv, iżda wkoll wera nuqqasijiet serji fl-Operazzjoni bi ksur tal-istess obbligi internazzjonali tad-diversi trattati li tagħhom Malta hija firmatarja. Dan jgħidu li wassal sabiex Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab

Ghebremedhin ġew imċaħħda mid-dritt tal-ħajja kif protett mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrenti jikkontendu li l-imsemmija vittmi kellhom raġunijiet validi sabiex iressqu talba għall-ażil, iżda d-drittijiet tagħhom ġew imċaħħda bl-aġir tal-Gvern Malti. Dan kollu jgħidu li wassal għal vjolazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni min-naħa tal-Istat Malti fil-konfront tagħhom, iżda anki għall-vjolazzjoni ta' obbligi internazzjonali oħra, inklużi l-Artikolu 18 u 19 tal-Karta, u bi ksur tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. L-intimati jew min minnhom, ikomplu jsostnu r-rikorrenti, kisru wkoll id-dritt ta' rimedju effettiv *ai termini* tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni u tal-Kap. 319, għaliex huma mhux biss ma kellhomx mezz sabiex jikkontestaw id-deportazzjoni/*push back* tagħhom, iżda ma ngħataw l-ebda opportunità sabiex japplikaw għall-i*status* ta' refuġjati *ai termini* tal-Att dwar ir-Refuġjati jew il-Kap. 420, u dan minkejja li kellhom dokumenti li juru li huma kienu *asylum seekers,* liema dokument kien ingħata lilhom mill-UNHCR ġewwa Tripli, Libja. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, ir-rikorrenti jitolbu lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara li l-aġir tal-intimati kif fuq imfisser, wassal għal ksur fil-konfront tagħhom tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti mill-Artikoli 3 u 19 tal-Konvenzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u tad-dritt fundamentali tagħhom kif protett mill-Artikolu 18 tal-Karta. Talbu sabiex il-Qorti tiddikjara li fil-konfront tal-ewwel ħamsin minnhom ġie vjolat id-dritt fundamentali tagħhom kif protett mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, meta huma ġew meħuda lura lejn il-Libja fuq struzzjonijiet tal-intimati stess, u b'hekk huma ġew imċaħħda mid-dritt li jikkontestaw id-deportazzjoni/*push back* tagħhom, u li japplikaw għall-ażil skont ir-regoli internazzjonali. Imbagħad talbu sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-istess aġir wassal għall-ksur tad-dritt fundamentali tal-aħħar żewġ intimati kif protett mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni. Għall-

imsemmija vjolazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tintalab mir-rikorrenti sabiex tillikwida ammont ta' kumpens rappreżentanti danni pekunjarji u non-pekunjarji, u sabiex tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-kumpens hekk likwidat. Dan filwaqt li ntalbet ukoll sabiex tagħti kull ordni u provvediment ieħor li jidhrilha xieraq sabiex tiżgura d-drittijiet fundamentali tagħhom, u safejn possibbli li jitqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-ksur allegat, anki sabiex tordna lill-imsemmija intimati jagħtuhom l-opportunità, minbarra Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin, li jressqu talba għal ażil skont il-prattiċi, regoli u obbligi internazzjonali u skont il-liġijiet ta' Malta u dawk Ewropej. Dan kollu jgħidu, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju nru. 180/2020.

7. L-intimati jwieġbu billi fl-ewwel lok jeċċepixxu li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' l-ilmenti tar-rikorrenti għaliex skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 742 tal-Kap. 12, huma ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' Malta. Barra minn hekk, il-fatti allegati ma seħħewx fl-ibħra territorjali Maltin jew fiż-żona kontigwa ta' Malta, iżda fl-ibħra internazzjonali. Għalhekk jgħidu li l-Kostituzzjoni, il-Kap. 319 u l-Karta ma japplikawx għall-fatti allegati *ratione loci.* Mingħajr preġudizzju għal din l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jeċċepixxu li l-ewwel tnejn minnhom mhumiex leġittimi kuntradittturi *ai termini* tas-subartikolu 181B(1) tal-Kap. 12, għaliex huma mhumiex kapijiet ta' dipartiment. L-intimati mbagħad fit-tielet lok eċċepew li l-Avukat Paul Borg Olivier għandu juri li huwa tassew għandu l-mandat ta' kull wieħed mir-rikorrenti sabiex iressaq il-proċeduri odjerni f'isimhom. Għaldaqstant jgħidu li huwa għandu wkoll juri li Fthawi Tesfamichael Welday u Asfaha Letenugus Amelesom huma mhux biss l-aħwa, iżda l-werrieta tal-mejtin Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengsteab Ghebremedhin, u dan sabiex jiġi

ppruvat li huma għandhom *locus standi* u anki l-interess ġuridiku meħtieġ. Jeċċepixxu li fejn l-ilment jolqot l-Artikoli 18 u 19 tal-Karta, dan huwa inammissibbli u null skont is-subartikolu 164(1) tal-Kap. 12. għaliex ma sarx permezz ta' rikors ġuramentat. Jikkontendu li ma jirriżultax li huwa ritwalment korrett li f'azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem imressqin taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319, għandu jkun hemm ukoll kwistjonijiet u talbiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-Konvenzjoni, u jirrilevaw li jidher li dan ma jistax isir skont ir-regolament 3 tal-L.S. 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u tal-Bon-Ordni). Għal dak li jirrigwarda l-ewwel talba tar-rikorrenti dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u/jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti għandhom iressqu prova li kull wieħed minnhom kien bejn sema u ilma bejn il-11 u s-16 ta' April, 2020. Jikkontendu li huma ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-istat fiżiku u mentali li qegħdin jallegaw ir-rikorrenti li huma kienu jinsabu fih qabel ma huma ġew mogħtija l-għajnuna mill-Awtoritajiet Maltin, waqt li huma kienu fir-reġjun SAR Libjan. L-intimati jissottomettu li m'għandux jiġi skartat il-fatt li l-imsemmija migranti kienu għażlu minn jeddhom li jmorru fuq vjaġġ magħruf bħala wieħed perikoluż u fejn raġonevolment setgħu jistennew li ser ikunu esposti għall-qilla tal-elementi, fejn anki kien ser ikollhom bżonn ilma, ikel u ħwejjeġ xierqa. Barra minn hekk, l-intimati jikkontendu li huma ma jistgħux iwieġbu għal xi allegat għemil min-naħa tal-ekwipaġġ tad-Dar al Salam, għaliex dan itajjar bandiera Libjana, u lanqas m'assuma jew kellu vesti ta' aġent tal-Istat Malti meta wettaq is-salvataġġ skont l-obbligi internazzjonali. Jispjegaw li dan il-bastiment kien intervjena fuq struzzjonijiet tal-Awtoritajiet Maltin fit-twettiq tal-obbligi ta' Malta li tikkoordina s-salvataġġ ta' persuni fil-periklu li jkunu fis-SAR Malti, u b'hekk dan ma jwassalx sabiex l-imsemmi bastiment isir aġent tal-Istat jew li jkun qed jaġixxi bħala estensjoni tal-Istat. Jispjegaw li l-

Konvenzjoni tagħti s-setgħa sabiex bastimenti pubbliċi u dawk privati jirċievu struzzjonijiet mill-Istat responsabbli minn SAR sabiex jagħtu assistenza fuq il-baħar. Għal dak li jirrigwarda r-referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tat-23 ta' Frar, 2012, fl-ismijiet **Hirsi Jamaa u Oħrajn *vs.* l-Italja** App. Nru. 27765/09, jirrilevaw li din mhijiex rilevanti stante li ċ-cirkostanzi ma kienux l-istess bħal dawk tal-kawża odjerna fejn il-bastiment ma kienx tal-Istat Malti. Jgħidu li hekk kif l-immigranti ġew salvati mill-għarqa, ma kienx hemm wisq x'isir mill-ekwipaġġ, għajr li jagħtuhom ikel, xorb u gvieret sakemm jiġu żbarkati fl-eqreb post meqjusa iċ-ċirkostanzi ta' dak iż-żmien u tal-bastiment, jiġifieri il-pandemija u l-fatt li l-eqreb portijiet kienu magħluqin. Jgħidu li ċertament s-sitwazzjoni u l-kundizzjoni fuq id-Dar al Salam kienu aħjar minn dawk tad-*dinghy*. L-intimati jiċħdu li huma kienu tnikkru sabiex jipprovdu l-assistenza tagħhom, u pjuttost l-azzjoni tagħhom kienet waħda f'waqtha u immedjata u 'l hinn mill-obbligi tagħhom, u dan meta wieħed ukoll iqis li ma kienx l-uniku każ ta' tfittxija u ta' salvataġġ għaddej dak iż-żmien u ħin, f'ċirkostanzi ta' emerġenza ta' saħħa pubblika li pparalizzat lill-pajjiż f'dak iż-żmien ta' biża'. Jikkontendu li għalhekk huma wettqu fis-sħiħ l-obbligi internazzjonali tagħhom taħt il-konvenzjonijiet internazzjonali tas-SAR u tas-SOLAS. L-intimati jgħidu li kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, l-Operazzjoni ma ħaditx erbgħa u għoxrin siegħa biex nbdiet. Jirrilevaw li ċ-Ċentru Malti ta' Tfitxija u Salvataġġ *(RCC)* sadanittant kien ġa wettaq tliet titjiriet b'assi tal-Istat Malti, fejn mat-tielet waħda rnexxielu jillokalizza d-*dinghy* tal-immigranti, u għamel ukoll kuntatt u dawwar lill-bastiment MV Ivan għal fejn kien jinstab id-*dinghy* sabiex jagħti l-assistenza tiegħu. Jgħidu li hawnhekk għandu jittieħed in kunsiderazzjoni li l-ħin neċessarju għas-sokkors fuq il-baħar ivarja skont il-kundizzjonijiet tal-istess baħar, li f'dan il-każ ma kienux favorevoli. Jirrilevaw li ma' dan wieħed għandu jikkunsidra wkoll li d-distanzi fuq il-baħar huma

konsiderevoli u huwa normali li bastiment ta' salvataġġ jieħu bosta sigħat sakemm jilħaq u jsib id-dgħajsa li tkun tinstab f'periklu gravi u imminenti. Magħdud ma' dan, l-intimati jgħidu li l-elementi metereoloġiċi bħar-riħ u l-qawwa tal-baħar jistgħu ċertament ifixxklu t-tfittxija u anki s-salvataġġ. L-intimati jirrilevaw li RCC Malti kien bagħat il-bastiment MV Ivan fiż-żona fejn kienet tinstab id-dgħajsa tal-immigranti sabiex dan joffri l-assistenza tiegħu. Ġew mgħarrfa bastimenti oħra, iżda dawn ma weġbux għas-sejħa. Jispjegaw li ma kienx possibbli li l-MV Ivan iwettaq is-salvataġġ huwa stess, u dan minħabba d-daqs tiegħu li kien joħloq riskju ikbar ta' telf ta' ħajja minħabba l-kobor tiegħu u l-kundizzjonijiet ta' temp tant prekarji. Madankollu dan baqa' fiż-żona ta' salvataġġ kif ordnat mill-RCC Malti, u dan sabiex joffri kenn mir-riħ u l-mewġ lid-dgħajsa tal-immigranti. Isostnu li b'hekk huma kienu għamlu minn kollox sabiex iħarsu l-ħajja u s-sigurtà tal-immigranti, anki permezz tal-ħruġ ta' NAVTEX lill-bastimenti kollha fiż-żona għall-assistenza, u billi ntbagħtet konsenja ta' ikel u provvisti, u dan minkejja l-pressjoni qawwija li kien hemm fuqhom dakinhar. L-intimati jinsistu li l-ebda persuna nkarigata minnhom ma ħaqar, weġġa' jew ttenta jżeblaħ jew ibaxxi d-dinjità ta' xi ħadd, u għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti qiegħda tiġi respinta bil-qawwa kollha. Jiċħdu li waqt l-Operazzjoni huma b'xi mod ittrattaw b'mod inuman jew degradanti lil xi ħadd, u għall-kuntrarju ta' dak allegat, huma għamlu dak kollu possibbli fis-setgħa tagħhom sabiex joffru l-aħjar assistenza, u għalhekk jgħidu li jħossu li huwa tassew inġust li qegħdin jiġu attakkati u mixlija b'dan il-mod. Jikkontendu li mhuwiex minnu wkoll li huma ordnaw li xi ħadd jintbagħat lura, fejn huma kienu biss avżaw li ma setax ikun hemm dħul fil-portijiet ta' Malta, għaliex dak iż-żmien id-dħul f'Malta kien magħluq b'ordni tas-Superintendent tas-Saħħa Pubblika minħabba l-istat ta' emerġenza li kienet tinstab fih riżultat tal-pandemija tal-COVID-19. Jirrilevaw li anki l-eqreb port ta' Lampedusa kien

magħluq għall-istess raġunijiet. L-intimati jikkontendu li Malta ma setgħetx tiġi meqjusa dak iż-żmien bħala *'a place of safety'* għaliex diġà kien intwera tħassib dwar l-iffullar u n-nuqqas ta' spazju li ċ-ċentri ta' detenzjoni kienu qegħdin jiffaċċjaw, filwaqt li kien hawn il-pandemija li ġabet magħha l-għeluq tal-ajruport, portijiet u diversi stabbilitmenti fost miżuri oħra. Jispjegaw li ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Far kien tqiegħed fi stat ta' kwarantina, u għalhekk l-aċċess għal faċilitajiet mediċi ma setax ikun garantit. L-intimati jikkontendu li għalhekk l-Istat Malti kien qed iħabbat wiċċu ma' emerġenza ġo emerġenza, u l-eqreb port disponibbli fejn setgħet tingħata assistenza kien Tripli. Għal dak li jirrigwarda l-allegat trattament ħażin fil-Libja, l-intimati jsostnu li huma m'għandhom l-ebda awtorità jew kontroll fuq dak li jiġri fi Stat sovran ieħor. Jgħidu li minn dak li huma saru jafu, hekk kif waslu ġewwa l-Libja, ir-rikorrenti ġew milqugħa u tpoġġew taħt il-protezzjoni tal-UNHCR, u għalhekk hija dubjuża l-allegazzjoni tagħhom li ġew ittorturati hemmhekk. L-intimati jsostnu li r-rikorrenti għandhom juru li l-Libja ma kinitx meqjusa bħala pajjiż suffiċjentement sigur għall-fini tal-iżbark tagħhom fil-ġurnata rilevanti. Jgħidu li l-asserzjoni tar-rikorrenti ma tibqax valida meta jitqies li l-Kummissjoni Ewropea b'mod regolari tiffinanzja, tħarreġ u tattrezza lill-Gwardja tal-Kosta Libjana sabiex din iżżomm l-immigranti li jkunu ħarrbu mil-Libja milli jaqsmu lejn l-Ewropa, billi minflok jittieħdu lura lejn il-Libja, u dan anki fid-data in kwistjoni. B'hekk jgħidu li l-ewwel talba mhijiex ġustifikata u għandha tiġi miċħuda. L-istess jikkontendu għal dak li jirrigwarda t-tieni talba dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 19 tal-Karta u tal-Artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan għaliex ma kien hemm l-ebda tkeċċija ta' frustieri mit-territorju ta' Malta. Jgħidu li l-persuni fuq id-dgħajsa qatt ma kienu fil-ġurisdizzjoni jew fit-territorju tal-Istat Malti, jew saħansitra fil-kontroll effettiv tal-Awtoritajiet Maltin, u għalhekk ma setax jingħad la legalment u lanqas

fattwalment, li kien hemm ksur tal-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva. Wara li l-intimati spjegaw id-differenza bejn ibħra territorjali Maltin u s-SAR Malti, jirrilevaw ukoll li ma setax jingħad li l-Gvern Malti kien għamel xi tkeċċija, għaliex l-immigranti meta ttieħdu lejn il-Libja kienu ttieħdu f'port li skont id-dritt internazzjonali kellu l-obbligu li jiżbarkhom. Għal darb'oħra jsostnu li l-istess immigranti ttieħdu hemm fuq bastiment li ma kienx tal-Istat Malti. Jispjegaw li ma kienx b'kapriċċ jew b'rieda ħażina li l-immigranti ma tħallewx jidħlu hawn Malta, u dan għaliex Malta kienet taħt stat ta' emerġenza fil-qasam tas-saħħa pubblika, u għalhekk ma setgħetx tiġi kkunsidrata skont il-Konvenzjoni tas-SAR bħala *'a place of safety'* għall-fini tal-iżbark. Stante li l-eqreb port ta' Lampedusa kien ukoll magħluq għall-istess raġuni, Tripli kien l-eqreb post disponibbli. Jispjegaw li sakemm l-Awtoritajiet Maltin setgħu jifhmu eżatt kif kienu ser jaġixxu fil-konfront tal-pandemija, huma ma setgħu jħallu lil ħadd jidħol fil-pajjiż, u dan hija kienet qiegħda tagħmlu billi timxi fuq il-passi ta' pajjiżi oħra. L-intimati jissottomettu li anki t-tielet talba mibnija fuq l-Artikolu 18 tal-Karta għandha tiġi respinta. Jispjegaw li sabiex persuna titlob status ta' ażil f'pajjiż, hija kellha qabel xejn tkun preżenti f'dak il-pajjiż, iżda fil-każ odjern l-immigranti qatt ma kienu fit-territorju Malti jew fuq xi bastiment li legalment kellu jiġi kkunsidrat li jagħmel parti mit-territorju Malti. Isostnu li anki f'April 2020 ma setgħet tintlaqa' l-ebda talba għall-ażil minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari u eċċezzjonali li ħolqot il-pandemija li kienet qiegħda taħkem id-dinja kollha fi ftit żmien. Dwar ir-raba' talba, l-intimati jissottomettu li għal dak li huwa l-allegat ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, it-talba ma tistax tintlaqa' għaliex ir-rikorrenti ma rabtux l-ilment ma' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali protetti mill-Konvenzjoni. Jgħidu li l-proċeduri kostituzzjonali odjerni jistgħu jagħtu rimedju lill-mandanti tar-rikorrent, jekk jiġi stabbilit li tassew seħħ ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa mill-

imsemmija Konvenzjoni. Jikkontendu li l-Artikolu 13 ma jirrikjedi l-ebda proċedura partikolari sabiex jingħata rimedju, iżda huwa biżżejjed li jingħata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali bħalma fil-fehma tagħhom hija din il-Qorti. Ifakkru li stante li l-ilmenti tar-rikorrenti jittrattaw kwistjonijiet marbuta mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni, wieħed ma jistax jgħid li l-azzjoni odjerna m'għandhiex tkun fil-forum kostituzzjonali. Din it-talba għalhekk ukoll għandha tiġi miċħuda. Dwar il-ħames talba safejn din tolqot l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt tal-ħajja mħares bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, l-intimati jissottomettu li r-rikorrenti għandhom iġibu prova li Mogos Tesfamichael Welday u Filimon Mengstaeb Ghebremedhin mietu meta huma kienu fuq id-dgħajsa ta' salvataġġ, u saħansitra fir-rikors tagħhom huma jonqsu milli jindikaw il-lok, id-data, il-ħin u l-kawża tal-mewt tagħhom. Min-naħa tagħhom, l-ebda wieħed minnhom ma kien qiegħed ħajjet iż-żewġ persuni fil-perikolu, jew b'xi mod ċaħħadhom mill-jedd għall-ħajja. Jgħidu li huma ma kellhom l-ebda *animus necandi* jew *animus nocendi,* u l-inkjesta maġisterjali kienet ħelsithom minn kull akkuża marbuta ma' omiċidju. Isostnu li huma saħansitra kienu għamlu kollox min-naħa tagħhom sabiex jipprovdu l-aħjar għajnuna waqt l-Operazzjoni, fejn l-obbligi internazzjonali tagħhom ġew osservati sew. Għalhekk huma qegħdin jiċħdu li kienu negliġenti jew naqqsu b'xi mod, li dan wassal għall-mewt jew telf tal-imsemmija żewġ persuni. Għalhekk din il-talba wkoll mhux ġustifikata. Dwar l-aħħar tliet talbiet tar-rikorrenti, l-intimati jikkontendu li ġaladarba m'għandhomx jintlaqgħu l-ewwel ħames talbiet tagħhom, konsegwentement dawn l-aħħar talbiet fir-rigward tar-rimedju li qegħdin jippretendu ma jistgħux jintlaqgħu. Dan kollu l-intimati jgħidu li huma kienu qegħdin jissottomettuh mingħajr preġudizzju għal xi eċċezzjonijiet oħra li huma setgħu jressqu skont il-liġi.

**Provi u riżultanzi**

9. Waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2021, xehed **il-Logutenent Kurunell James Grech** prodott mill-intimati. Ikkonferma li huwa jaħdem mal-Forzi Armati fit-taqsima tal-operazzjonijiet, fejn ir-rwol tiegħu huwa li jassisti lill-kap tal-istess taqsima fir-rigward ta' affarijiet marittimi u tal-ajru. Iddikjara li huwa kien ilhu jaħdem mal-Forzi Armati għal tnejn u għoxrin sena, u għadda sabiex spjega fejn huwa kien ħa t-taħriġ tiegħu. Stqarr li llum huwa jirrappreżenta lill-Forzi Armati f'fora u f'bordijiet internazzjonali, anki fejn dawn jirrigwardaw il-qafas leġiżlattiv tas-SAR, fosthom l-IMO, l-NCSR u oħrajn tal-UE. Għadda sabiex spjega x'inhi ż-żona SAR skont il-Konvenzjoni tas-SAR. Għal dak li jirrigwarda l-każ odjern, qal li l-bastiment Dar al Salam itajjar il-bandiera Libjana, u għalhekk dan jaqa' taħt l-Istat Libjan. Ikkonferma li fejn seħħet l-Operazzjoni, kien jaqa' fis-SAR Malti, imma f'ibħra internazzjonali, u dan filwaqt li ppreżenta mappa sabiex juri fejn seħħet l-Operazzjoni u anki ritratt, li ġew immarkati Dok. SG1 u Dok. SG2 rispettivament.[1] Kompla jispjega x'inhi ż-żona SAR skont kif hija mfissra fil-Konvenzjoni tas-SAR, jiġifieri dik iż-żona fejn pajjiż partikolari jikkoordina it-tfittxija u s-salvataġġ tiegħu, liema żona però hija meqjusa bħala *'high seas'*. Dan filwaqt li spjega wkoll li d-definizzjoni ta' territorju Malti skont l-artikolu 2 tal-Kostituzzjoni, iżda anki l-UNCLOS kif trasposta fil-liġi Maltija. Għal dak li jirrigwarda d-dokumenti esebiti minnu, ix-xhud spjega kif ittieħdu l-*coordinates* relattivi, u li dawn imbagħad ġew trasposti permezz ta' *plotting* fuq mappa sabiex b'hekk ikun iktar faċli li wieħed jidentifika il-lokazzjoni eżatta fejn seħħet l-Operazzjoni. Irrileva li l-Forzi Armati jikkoordinaw operazzjonijiet ta' salvataġġ, iżda ma jkun hemm l-ebda obbligu ta' koordinazzjoni fejn is-salvataġġ jaqa' f'żona 'il barra mis-SAR Malti. Ix-xhud esebixxa mappa li fuqha

[1] *A fol.* 65 u 66.

hemm indikat il-każijiet kollha ta' salvataġġ li r-RCC tal-Forzi Armati kien ġie nnotifikat bihom, iżda mhux fejn Malta kellha rwol dirett. Dan id-dokument ġie mmarkat Dok. JG3.[2] In kontro-eżami x-xhud spjega li huwa ma kienx involut fil-koordinament tal-każ, iżda huwa kien involut billi assista it-taqsima tiegħu, u għalhekk ma kellu l-ebda rwol dirett. Min-naħa tiegħu huwa kien ġie mitlub l-assistenza mill-aspett legali u mil-lat ta' *policy* tas-SAR. Huwa kien analizza l-każ odjern, u rriżulta li l-Forzi Armati kienu kkoordinaw kull mezz possibbli, kemm pubbliku u anki privat, sabiex jiġu salvagwardjati ħajjiet in-nies li kien hemm fil-perikolu. Qal li dakinhar il-Forzi Armati kienu raw li ma kellhomx assi, u dan irriżulta wkoll fl-inkjesta, għaliex dawn kienu mpenjati fuq każijiet oħra li kienu għaddejjin. Ix-xhud irrileva li ma kien sar l-ebda rapport bil-miktub dwar dan kollu, imma fil-*case file* ikun hemm miktub x'passi ttieħdu. Minn hemm, hu u min kien hemm fuqu, setgħu jikkonfermaw li ma kien hemm l-ebda mezz ieħor tal-Forzi Armati li seta' intuża biex imur fuq il-każ odjern. Għalhekk ġew ipprovduti mezzi oħra pubbliċi u privati kif tippermetti l-Konvenzjoni, u dan kif isir f'kull każ bħal dak odjern. Inħarġet talba lill-bastimenti fiż-żona sabiex imorru jassistu, u anki dik li jsejħulha NAVTEX, jew it-twissija lill-bastimenti u l-MARSAT. Iddikjara li kienu ttieħdu l-passi kollha dakinhar tal-Operazzjoni. Spjega li l-konklużjonijiet isiru mill-persuna li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, li huwa s-*Search and Rescue Co-Ordinator,* il-Kurunell O'Neill. Ix-xhud qal li wara xi tliet titjiriet tal-ajruplan, instab bastiment ta' bandiera Portugiża li l-Forzi Armati bagħtuh sabiex jagħti l-kenn, u anki il-bastiment tas-sajd Dar al Salam , iżda għall-ħin twil ma kienx hemm vapuri f'dik iż-żona. Qal li seta' kien li dan il-bastiment tas-sajd kien telaq minn Malta, iżda informazzjoni eżatta ma kellux, u huma ma kienux jidħlu f'dawn l-affarijiet, iżda kienu jieħdu ħsieb l-

[2] *A fol.* 67.

affarijiet tekniċi ta' koordinament li kellu jsir mingħajr tnikkir. Spjega li kull bastiment huwa marbut bil-liġi sabiex jassisti, iżda dan mhux dejjem kien isir, għaliex kien ikun hemm min saħansitra jirrifjuta l-assistenza, u huma min-naħa tagħhom f'dak il-każ jistgħu biss jirrappurtaw lill-*flag state* tal-bastiment. Lilu kien irriżultalu mill-*open source* li d-Dar al Salam kien itajjar il-bandiera Libjana, iżda lilhom ma kinitx tagħmillhom differenza għaliex kull bastiment ta' kwalunkwe nazzjonalità huwa marbut bil-liġi li jassisti safejn possibbli. Spjega li dakinhar kien hemm biss żewġ bastimenti tal-Forzi Armati li setgħu joħorġu fuq il-baħar li kien ta' Forza Sebgħa, u peress li dawn kienu jaħdmu bix-*shift,* wieħed minnhom biss seta' jintervjeni. Irrileva wkoll li dakinhar kien hemm ħames każijiet oħra ta' emerġenza, u l-uniku bastiment li seta' jintervjeni kien fuq emerġenza oħra. Qal li kien għalhekk li ħarġet NAVTEX għal dawk il-vapuri li setgħu kienu iktar fil-qrib. Spjega li t-tieni OPV kienet ġeneralment tibqa' fil-port minħabba fiżikament nuqqas ta' riżorsi umani, u għaliex ikun hemm xogħlijiet qed isiru fuqha, ma kienx ikun sigur li toperaha. Spjega wkoll li x-*shift* tal-OPV kien ikun ta' ħmistax-il ġurnata. Ix-xhud kompla qal li l-Konvenzjoni tas-SAR tagħti l-poter li l-operazzjoni ta' salvataġġ issir kemm b'assi privati, imma anki permezz ta' assi pubbliċi, u rrileva li ftit kienu l-pajjiżi membri tal-Konvenzjoni li setgħu jikkoordinaw kull każ bl-assi tagħhom biss. Fil-każ odjern il-MV Ivan ma kienx wieġeb il-NAVTEX, u kien biss mat-tielet titjira tal-ajruplan li dan ġie lokalizzat u saret sejħa sabiex ibiddel ir-rotta tiegħu. Spjega li bosta bastimenti ma jweġbux għaliex ikunu jafu li ser jinqabdu fuq il-ħin, u jitilfu ħafna flejjes. Qal li barra minn hekk ġieli jkun hemm bastimenti li huma u għaddejjin f'dik iż-żona magħrufa għall-immigranti, jitfu l-AIS sabiex ma jkunux viżibbli, u b'hekk dawn jistgħu jinstabu biss b'mod viżwali meta jtir ajruplan. Peress li dawn ikunu f'ibħra internazzjonali, huma ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn għajr li jagħmlu rapport mal-*flag state,* li mbagħad jieħu l-passi skont il-liġi.

Il-Kaptan tal-MV Ivan fil-każ odjern, kien offra dak li seta' jagħtihom, jiġifieri kenn mill-baħar li kien Forza 7, iżda ma setax javviċina wisq minħabba periklu li jeqleb id-dgħajsa. Lanqas ukoll ma seta' itellagħhom abbord minħabba li l-għoli tiegħu mill-baħar kien wieħed konsiderevoli.

9. Waqt l-istess udjenza, xehed **il-Kurunell Clinton O'Neill**, prodott mir-rikorrenti. Spjega li huwa kien ilu ngaġġat mal-Forzi Armati għal dawn l-aħħar sebgħa u għoxrin sena, u l-professjoni tiegħu oriġinarjament kienet dik ta' pilota tal-ajruplani, fejn hu kien speċjalizza fuq it-tfittxija u s-salvataġġ. Qal li llum huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Head of Operations,* fejn kien jieħu ħsieb l-operazzjonijiet. Spjega x'kienet tfisser SAR u x'tirrikjedi mingħand il-Forzi Armati. Għal dak li jirrigwarda id-Dar al Salam, qal li mill-*open sources* kienu jafu li dan il-bastiment tas-sajd kien itajjar il-bandiera Libjana. Ix-xhud spjega li l-Operazzjoni seħħet madwar wieħed u tletin mil lejn ix-Xlokk ta' Lampedusa u tmenin mil minn Malta jew sittax-il mil mill-ibħra territorjali ta' Lampedusa, jew bejn tmienja u sittin u sebgħin mil mill-ibħra territorjali ta' Malta. Kompla jgħid li ż-żona kienet *high seas.* In kontro-eżami stqarr li huwa kien involut indirettament fl-Operazzjoni, għaliex ma kienx hu li kien qed jikkoordina, iżda kien jaf x'kien għaddej. Ikkonferma li d-Dar al Salam kien telaq mill-Port il-Kbir, iżda ma kienx jaf il-ħin, b'dana li għalihom dan kien irrilevanti minn fejn telaq. Ix-xhud spjega kif kien involut fl-Operazzjoni, billi jassigura li l-affarijiet jimxu, u jagħti l-opinjoni jew parir tiegħu fejn kien hemm bżonn. Qal li kien jidher li fid-9 ta' April, l-immigranti kienu telqu mil-Libja, iżda spjega li ma kien hemm l-ebda *log book* minn fejn din l-informazzjoni setgħet tittieħed. Imbagħad daħlu fis-SAR Malti fil-11 ta' April, wara li kienu għamlu tliet ijiem fiż-żona ta' salvataġġ ta' stat ieħor. Huma kienu dejjem baqgħu mexjin, għalkemm milli jafu għamlu xi ftit ta' żmien weqfin fiż-żona tal-Libja. Ix-xhud imbagħad għadda

sabiex jispjega li fit-tfittix u fis-salvataġġ hemm tliet fażijiet, jiġifieri rispettivament dawk ta' inċertezza, ta' twissija, u dawk ta' diffikultà, u fisser x'kienet tfisser kull waħda minn dawn il-fażijiet. Fil-każ odjern qal li kien ġie deċiż li tittieħed l-azzjoni, u dan kien bejn it-13 u l-14 ta' April. Żied jgħid li bosta salvataġġi kienu jtawwlu iktar mis-sitt ijiem li dam dak in eżami. Dwar ir-rwol tiegħu, ix-xhud iddikjara li hu kien jaf x'kien qed jiġri, u dan sabiex huwa seta' jagħti l-kontribut tiegħu billi jieħu ċerti deċiżjonijiet jew jagħti l-parir tiegħu. Madankollu huwa ma kienx involut fil-*commissioning* tad-Dar al Salam, u ma kienx jaf min kellu x'jaqsam. Huma kienu biss involuti fil-koordinament tal-Operazzjoni, u għalhekk lil dan il-bastiment tas-sajd kienu sussegwentement tawh il-lokazzjoni. Safejn kien jaf hu, l-imsemmi Dar al Salam kien irċieva l-ħlas tiegħu mingħand il-Forzi Armati. Ix-xhud spjega li l-Forzi Armati għandha żewġ laneċ kbar, il-P61 u l-P62, fejn waħda minnhom kienet *off duty* dakinhar tal-Operazzjoni. Qal li kien impossibbli li dawn iż-żewġ laneċ ikunu barra fl-istess ħin f'operazzjoni ta' salvataġġ, għaliex ma kienx hemm biżżejjed ekwipaġġ. Ikkonferma li l-P51 u l-P52 ma kienux joħorġu f'baħar Forza 7, iżda id-Dar al Salam kien magħmul biex jiflaħ baħar bħal dan minħabba it-tunnellaġġ tiegħu, għalkemm dan ftit kien itella' veloċità.

10. Waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2021, xehed **Dominic Tanti**, prodott mir-rikorrenti. Ix-xhud stqarr li huwa kien sid il-bastiment Salve Regina, u l-bastiment Tre Mar kien għadu jidher fuq ismu, għalkemm kien ġie mibjugħ. Spjega li għall-ħabta ta' nofs April, kien ċempillu ħabib tiegħu, li qallu li ċertu Conrad Baldacchino kellu bżonn lil xi ħadd jagħmel vjaġġ bl-ikel lejn il-Libja. Kompla jispjega li d-dgħajsa tiegħu setgħet toħroġ 'il barra mit-territorju. Għalhekk huwa kien mar jgħabbi l-ikel mill-Marsa, liema vjeġġ kien jiżen madwar tletin tunnellata, u huma ħarġu 'l barra bih. Wara li kienu għaddew xi

ftit sigħat, huma kellhom jieqfu jistennew fil-baħar barra t-territorju Malti sabiex jingħataw xi *coordinates* mingħand l-istess Conrad Baldacchino. Qal li dakinhar kien maltemp, u sussegwentement daħal il-Libja wara Dar al Salam, li kien segwih għaliex qatt ma kien daħal hemm, ħatt l-ikel u ġie lura vojt lejn Malta. Wara xi jumejn jew tlieta, reġa' ntalab sabiex jagħmel l-istess ħaġa. Dakinhar huwa kien ta xi ftit ikel lill-bastiment Tre Mar, iżda reġa' lura lejn Malta mgħobbi mingħajr ma daħal il-Libja.

11. Waqt l-istess udjenza, xehed **Neville Gafà**, prodott ukoll mir-rikorrenti. Qal li Ħadd il-Għid filgħaxija għal xi l-għaxra jew l-għaxra u nofs ta' filgħaxija, huwa kien irċieva telefonata mill-uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn intalab sabiex jiffaċilita kuntatt mal-Ministru tal-Intern u tad-Difiża Libjan, is-Sur Bashaka. Huwa kien irnexxielu jagħmel dan il-kuntatt, u r-risposta kienet li huma kienu ser ikunu disponibbli jkellmu lill-Prim Ministru 'l għada filgħodu minħabba li kienu mpenjati f'attakk qawwi li kien seħħ fuq Tripli fil-Libja. Sussegwentement kienet ittieħdet deċiżjoni ħalli huwa jikkoordina mal-Libjani sabiex in-nies fuq id-dgħajsa jiġu salvati, u anki li jagħmel ċert li dawn jaslu qawwijin u sħaħ minn fejn ġew. Iddikjara li r-rwol tiegħu kien fil-baħar Libjan iżda mhux dak Malti, u l-kuntatt tiegħu fl-uffiċċju tal-Prim Ministru kien ma' Clyde Caruana, *Chief of Staff* tal-Prim Ministru. Spjega li huwa kellu kuntatt mal-*Commander* għax dak ix-xogħol hu kien ilu jagħmlu għal dawk l-aħħar tlieta jew erbgħa snin fejn ġew salvati eluf ta' nies.

12. Waqt l-istess udjenza wkoll, xehed **Carmelo Grech** prodott mir-rikorrenti. Ikkonferma li huwa kien is-sid tad-Dar al Salam, reġistrat taħt il-bandiera Libjana. Is-sena ta' qabel, huwa kien ġie avviċinat mill-Forzi Armati sabiex joħroġ fuq operazzjoni ta' salvataġġ. Il-bastiment dakinhar kien qiegħed *Bridge Wharf* ġewwa l-Port il-Kbir, u telaq lejn id-dgħajsa tal-immigranti wara li

ngħata l-*coordinates*. Iżda din ma nstabitx mill-ewwel minħabba l-kurrent tal-baħar li kien hemm fejn il-baħar kien Forza 7 għal 8. Spjega li huma fil-fatt kienu iktar qrib Lampedusa milli Malta, u kien waqaf bastiment sabiex jagħti l-kenn tiegħu. Qal li dan kollu kien skont li qal il-Kaptan, għaliex huwa sadanittant kien fl-art jikkoordina mal-Forzi Armati. In-nies fuq id-dgħajsa qalulhom li wħud kienu mejtin, u għalhekk huma nfurmaw lill-Forzi Armati. Huma tellgħu madwar ħamsin jew wieħed u ħamsin persuna fuq id-Dar al Salam, u l-mejtin tellgħuhom ukoll fuq id-*deck* ta' fuq, wara insistenza tal-Forzi Armati. Dawn tal-aħħar taw l-ordni sabiex il-bastiment jimxi lejn Tripli, fejn kien hemm il-*patrol boat* Libjana tistenna barra sabiex tieħu l-immigranti. Minħabba l-kundizzjoni tal-baħar u anki għaliex l-istess immigranti kienu rribellaw, Dar al Salam kien baqa' dieħel fil-port, u wara li ħatt in-nies u anki l-mejtin, ħareġ lura barra xi sagħtejn wara. Spjega li l-bastiment Tre Mar kien baqa' *stand-by* sabiex jagħti l-assistenza f'każ li jkun hemm bżonn. Qal li huma kienu għamlu operazzjonijiet simili xi tlieta jew erba' darbiet, kollha fuq inkarigu tal-Forzi Armati, li kienu tawh il-*fuel* minn tagħhom permezz ta' *bowser.*

13. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Ġunju, 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw nota b'kopja ta' skambju ta' *emails*[3], li l-mandatarju tagħhom kellu mal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

14. Waqt l-istess udjenza, xehed **l-Onor. Ministru tal-Finanzi Clyde Caruana**, prodott mir-rikorrenti. Spjega li bejn Jannar u Mejju tal-2020, huwa kellu l-kariga ta' Kap tas-Segretarjat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Spjega li fiż-żmien tal-Operazzjoni kien hemm iktar dgħajjes fl-ibħra telgħin mix-xtut tal-Libja milli kien hemm laneċ tal-Forzi Armat, u xogħolu kien li jsegwi l-ħidma tal-Gvern. Fl-

[3] *A fol.* 589 sa 591.

Operazzjoni in kwistjoni, huwa kien ra kif ser jiġu salvati numru ta' nies li kienu ilhom fuq il-baħar għal numru ta' jiem, billi jara minn fejn setgħu jinstabu opri tal-baħar oħrajn għas-salvataġġ. Spjega li dak iż-żmien kienet faqqet il-pandemija tal-COVID, u għalhekk l-impenn kollu kien fuqha, u x-xogħol li normalment kien isir kien waqaf kollu. Qal li l-kriżi kienet iktar akuta għaliex il-portijiet kienu magħluqin, u n-nies kienu telgħin bil-mijiet min-naħa ta' isfel tax-xtut Maltin. Ikkonferma li kienu nstabu żewġ bastimenti tas-sajd li setgħu jassistu, wieħed minnhom it-Tre Mar, filwaqt li nstab bastiment ieħor Salve Regina li ġie ngaġġat sabiex jissupplixxi l-ikel. Spjega li kien Ħadd il-Għid fejn ma kontx ser issib xi *supermarket* jew ħwienet oħra miftuħin, u huwa kien ilu għaddej mill-ġimgħa jaħdem fuq l-Operazzjoni. Dwar it-temp, qal li hawn Malta kien indikat temp bnazzi, iżda skont l-informazzjoni li kellu l-baħar kien imqalleb. Ikkonferma li l-ikel ħallsu l-Gvern, iżda l-fattura ma kinitx marret għandu. In kontro-eżami qal li d-dgħajjes ġew fornuti bid-*diesel.*

15. Waqt l-istess udjenza, xehed ukoll **Conrad Baldacchino**, prodott mir-rikorrenti. Spjega li x-xogħol tiegħu kien dak ta' fornitur lill-opri tal-baħar ta' dak kollu li jkollhom bżonn, liema xogħol huwa kien ilu jagħmlu sa mill-1995. Qal li huwa kien direttur tas-soċjetà Shipserve Limited reġistrata hawn Malta. Irrileva li fil-Ġimgħa l-Kbira tal-2020, kien kellmu Clyde Caruana mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn qallu li huma riedu jibgħatu xi provvisti lejn il-Libja. Għalhekk ix-xhud kellu jsib bastiment, fejn hawn Malta bastiment wieħed biss minn dawk li jissupplixxu provvisti kellu permess li joħroġ iktar minn ħamsa u tletin mil, u dan ukoll ma kienx disponibbli għaliex kienet qiegħed fuq biċċa xogħol oħra. Huwa kien kellem lil kaptan ħabib tiegħu, u dan tah numru ta' ċertu Dominic Tanti, li aċċetta. Dakinhar stess organizzaw il-provvisti, ġabu *crane* u għabbew kollox fuq is-Salve Regina fuq xi erbgħin *pallet,* fejn il-parti l-

kbira tagħhom kienu jikkonsistu f'ilma. Il-fattura kienet inħarġet lill-Affarijiet Barranin, u tħallset ukoll. Huwa mbagħad ingħata l-*coordinates,* u dejjem qagħad f'kuntatt ma' Dominic Tanti. Miegħu ma kien sar l-ebda diskors dwar x'kienet l-operazzjoni li kienet għaddejja.

16. Waqt l-udjenza tad-29 ta' Settembru, 2021, xehed **l-Onor. Prim Ministru Dr Robert Abela**, prodott mir-rikorrenti. Stqarr li huwa ma kellu l-ebda rwol dirett fl-Operazzjoni, iżda l-Kap tas-Segretarjat tiegħu, li dak iż-żmien kien Clyde Caruana, kien qed iżommu infurmat b'dak kollu li kien qed jiġri. Spjega li l-Operazzjoni kienet emerġenza f'emerġenza, għaliex huma kienu taħt pressjoni straordinarja billi xahar qabel kienet ġiet iddikjarata emerġenza ta' saħħa nazzjonali, fejn il-portijiet kienu magħluqin, anki l-ajruport, fuq ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika. Dwar Neville Gafà, qal li dan ma kellu l-ebda rwol għajr għall-fatt li ffaċilita l-kuntatt mal-Ministru tal-Intern Libjan.

17. Waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2021, xehed **il-Logutenent Kurunell James Grech**, prodott in kontro-eżami mill-intimati. Spjega li meta jinqala' każ, jiġi maħtur is-*Search and Rescue Mission Co-ordinator* li jkun *duty,* u dan ikollu l-proċeduri li jkun tenut isegwihom. Safejn kien jaf hu, fil-każ in eżami dan kien il-Logutenent Francica. Ikun hemm ukoll il-kap tat-taqsima tiegħu li jerġa' jivverifika l-affarijiet kollha, u dan kien il-Kurunell O'Neill. Spjega li l-operazzjoni tibda hekk kif il-bastimenti jitpoġġew a dispożizzjoni tas-*Search and Rescue Mission Co-ordinator.* L-involviment tiegħu imbagħad jispiċċa hekk kif l-immigranti jiġu salvati u jkunu kollha abbord, għaliex għall-fini tal-Konvenzjoni SAR, bastiment ukoll huwa '*a temporary place of safety',* u l-kwistjoni tibqa' fejn ser jiġu żbarkati. Qal li din kienet il-Konvenzjoni tal-1979, li Malta wkoll kienet marbuta biha. Għal dak li jirrigwarda t-temp, spjega li maltemp Forza 7

kien ifisser mewġ għoli ta' erba' metri jew għoli ta' kamra. Id-diffikultajiet għalhekk ikunu kbar, anki biex tillokalizza d-dgħajsa. Dakinhar tal-Operazzjoni, il-baħar kien ġej mix-Xlokk, u għalhekk minn fuq id-deżert. Qal li l-bdoti jistgħu jtiru biss sa tmien sigħat minħabba kwistjoni ta' sigurtà, iżda fil-każ odjern kienu diġà taru żewġ titjiriet u d-dgħajsa ma nstabitx. Spjega li kien hemm tempesta ġejja mid-deżert mix-Xlokk, fejn ir-ramel u l-partiċelli fini kienu jagħmlu l-viżibilità fqira ħafna u ta' sogru għalihom. Ix-xhud esebixxa USB b'filmat f'forma diġitali li kien juri kundizzjonijiet ta' baħar Forza 8 kif meħud minn fuq bastiment tal-Forzi Armati.[4] Qal li f'dawk il-kundizzjonijiet, is-salvataġġ ikun wieħed diffikultuż ferm. Spjega li huwa kien għamel għaxar snin bħala Kaptan fuq waħda mil-laneċ tal-Forzi Armati, fejn ħadem f'kundizzjonijiet estremi, forsi mhux daqs dawk tal-każ in kwistjoni. Mid-dokumentazzjoni rriżultalu li qabel it-12 ta' April, id-dgħajsa kienet fiż-żona ta' salvataġġ tal-Libja. Spjega li l-Konvenzjoni tas-SAR tagħti l-awtorità lill-pajjiż li jkun qed jikkoordina, li jqabbad kull mezz kemm pubbliku, iżda anki dak privat, li jkunu fil-viċinanzi u li jistgħu jaslu l-ewwel. Qal li skont dak li huwa kien iddokumenta, l-ewwel informazzjoni li d-dgħajsa kienet daħlet fis-SAR Malti kienet filgħodu tat-12 ta' April, u din sakemm ma kienx sejjer żball kienet ingħatat minn NGO permezz tal-AlarmPhone. Imbagħad sussegwentement din ġiet identifikata, jiġifieri viżwalizzata għall-ħabta ta' nofsinhar. Qal li dakinhar kien hemm madwar ħamsa jew sitt allarmi, u l-ajruplan kellu jinqasam fuq kull sejħa, fejn ġie verifikat li tnejn minnhom ma kienux sejħiet ġenwini, u l-oħrajn kellhom jiġu prijorizzati. Ix-xhud spjega li mal-ħin il-baħar kien beda jiżdied, u d-dgħajsa bdiet tidħol f'diffikultà. B'riferiment għall-informazzjoni fid-dokument a *fol.* 67, spjega li din kienet tindika d-dgħajjes kollha li huma kienu ġew notifikati bihom

[4] Ara Dok. JG1 *a fol.* 664.

jew kellhom x'informazzjoni dwarhom matul sena sħiħa, iżda mil-lat operattiv kien impossibbli li ssegwi kull dgħajsa, għaliex l-ebda tip ta' ajruplan ma jista' jlaħħaq magħhom kollha.

18. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar, 2022, xehed **id-Deputat Kmandant Kurunell Clint O'Neill**, riprodott. Esebixxa kopja ta' żewġ dokumenti li ġew immarkati Dok. CO1[5] u Dok. CO2.[6]

19. Waqt l-istess udjenza, xehed **il-Kaptan Christian Francica**, prodott mir-rikorrenti. Spjega li huwa kellu l-kariga ta' fizzjal loġistiku fi ħdan il-kwartieri ġenerali tal-Forzi Armati, u anki kellu l-kariga ta' *Search and Rescue Mission Coordinator* kif kien il-każ fir-rigward tal-Operazzjoni, fejn xogħlu kien jikkonsisti fil-koordinament ta' dawk il-każijiet li jaqgħu fis-SAR Malti u jissejjaħ RCC Malta. Dan billi jagħti struzzjonijiet lill-assi tal-Forzi Armati, u fin-nuqqas tagħhom jiġu nvoluti bastimenti privati. Spjega li fuqu hemm struttura rappreżentanti *chain of command,* u fil-każ tiegħu is-superjuri kienu l-Kurunell O'Neill u l-Kap Kmandant. Id-dgħajsa kienet daħlet taħt il-kompetenza tiegħu bħala koordinatur fit-12 ta' April għall-ħabta ta' nofsinhar, iżda dak il-ħin kien hemm operazzjonijiet oħra għaddejjin, li fil-fehma tiegħu kienu ta' iktar prijorità mill-każ in kwistjoni. Spjega li d-dgħajsa kienet miexja, u assi min-naħa tagħhom ma kienx hemm sabiex jassistu. Huma kienu ppruvaw ifittxu għal bastimenti kummerċjali f'dik iż-żona, iżda ħadd ma kien wieġeb għas-sejħa tagħhom. Huwa għalhekk seta' jieqaf hemm skont il-Konvenzjoni, iżda kien informa lill-Kap Kmandant b'dan kollu. Spjega li kull koordinatur kompetenti f'xogħlu ma jikkunsidrax biss il-ġurnata li jkun fiha, u fil-każ odjern hu kien ra li l-baħar kien qed jiżdied, u b'hekk bassru li d-dgħajsa kienet ser tieqaf f'xi ħin

[5] *A fol.* 710.
[6] *A fol.* 816.

jew issib ruħha f'problema minħabba l-baħar, li mal-ħin kien qed jiżdied. Għalhekk fittxew għal xi opra tal-baħar oħra li setgħet tkun ta' assistenza. Sadanittant il-bastiment MV Ivan kien wieġeb għas-sejħa tagħhom, u dan offra *lee side* mill-baħar sakemm wasal il-bastiment tas-sajd Dar al Salam, li għabba lin-nies. Ix-xhud stqarr li huwa ma kienx jaf kif kien ġie ngaġġat dan il-bastiment, għaliex hu ma kienx daħal fil-kwistjoni. Huwa kien avża lill-Kap Kmandant bil-problema, u dan sablu opra tal-baħar biex jaħdem, u hekk għamel. Din kienet tinstab fil-port ta' Malta, u żamm il-kommunikazzjoni tiegħu mhux mal-Kaptan tagħha, iżda ma' ċertu Grech. Il-Kap Kmandant kien ordna li d-dgħajsa tingħata l-*fuel,* u x-xhud ikkomunika mal-kumpannija li kienet tissupplixxi l-*fuel* lill-Forzi Armati*,* iżda l-ikel u x-xorb kien fuq bastiment ieħor fejn saru arranġamenti fir-rigward ta' dawn il-provvisti, li kien involut fihom xi ftit billi kkomunika ma' ċertu Baldacchino, li madankollu ma kienx il-kaptan ta' dak il-bastiment li kien jismu Salve Regina. Spjega li kieku kien hemm każ ieħor ta' iktar prijorità, huwa kien jibgħat dawn il-bastimenti fuqhom, għaliex xogħolhom kien li jassistu fejn kien hemm bżonn. Iddikjara li bħala koordinatur, ir-rwol tiegħu spiċċa hekk kif in-nies telgħu fuq id-Dar al Salam, iżda baqa' isegwi l-każ fuq il-kuxjenza tiegħu. L-ordni sabiex dan il-bastiment imur lejn il-Libja kien ħadha mingħand is-superjuri tiegħu, u qal li ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni bejn l-uffiċċju tiegħu u l-portijiet f'Tripli. Qal li kien hemm xi nies li kienu mejta, u dawn minħabba l-kundizzjoni tal-baħar, baqgħu neżlin mad-dgħajsa. Kien Grech li qallu kemm kienu n-nies li ġew salvati, u dan seħħ fis-SAR Malti fejn Malta ma kinitx l-eqreb port, u Tuneż, Lampedusa u l-Libja kienu eqreb. Stqarr li madankollu d-distanza ma kinitx daqstant rilevanti, għaliex minflok ta' rilevanza kien proprju l-baħar.

20. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2022, xehed **il-Kaptan Christian Francica**, riprodott mir-rikorrenti. Spjega li dak kollu li jsir jitniżżel fil-*case file,* iżda kien fiżikament impossibbli li jitniżżel kollox minħabba diversi każijiet oħra li jkunu għaddejjin fl-istess ħin. Ikkonferma li meta hu kien *duty* dakinhar, kien hemm sitt każijiet għaddejjin, u spjega fil-qosor dawn fiex kienu jikkonsistu. Spjega wkoll li l-*case file* ma kienx jitħejja minnu, iżda minn persuna li tkun fl-RCC Malta. Imbagħad ir-rapport tal-koordinatur kien jagħmlu hu, għaliex ikun hemm ċerti dettalji li jkun jafhom hu biss, iżda żied igħid li ma setax ikun li kull avveniment u biċċa informazzjoni titniżżel.

21. Waqt l-istess udjenza, ir-rikorrenti ppreżentaw nota li magħha esebew it-talba tagħhom tat-12 ta' Marzu, 2022 lill-avukat difensuri tal-intimat Brigadier tal-Forzi Armati għall-preżentata ta' diversi filmati.[7] Permezz ta' nota oħra, ippreżentaw rapport dwar il-kundizzjonijiet meteoroloġiċi fid-dati relattivi.[8]

22. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2022, xehed **il-Kaptan Christian Francica**, riprodott mir-rikorrenti. Ikkonferma mill-ġdid li l-*case file* ma jiġix redatt minnu. Spjega li meta huwa fir-rapport tiegħu a *fol.* 713 tal-proċess, għamel riferiment għal *fishing vessel,* din kienet waħda mit-tnejn li kienu ġew ingaġġati jiġifieri id-Dar al Salam u t-Tre Mar, fejn dan l-aħħar bastiment kien miexi iktar 'il quddiem mill-ieħor. Stqarr li huma kienu għamlu sforz aktar minn dak rikjest minnhom għaliex tajru ekwipaġġ fuq l-ajruplan King Air f'kundizzjonijiet estremi, u dan sabiex jillokalizzaw il-bastiment u jidderiġuh għad-dgħajsa. Spjega li fuq titjira partikolari, ma setgħetx tinstab id-dgħajsa, u minkejja li l-isforzi tagħhom setgħu waqfu hemm, il-Forzi Armati rranġaw

---

[7] *A fol.* 887.
[8] *A fol.* 889 *et seq.*

sabiex jidħol ekwipaġġ addizzjonali għal titjira oħra. Qal li b'kollox kienu saru erba' titjiriet, fejn it-tielet titjira kienet l-aktar waħda kruċjali, għaliex kellha tiġi lokalizzata d-dgħajsa tal-immigranti mingħajr ma jinħela l-ħin, u b'hekk jingħataw direzzjonijiet lill-bastiment tas-sajd. Ix-xhud qal li kieku ma sarx dan ir-raba' *flight* jew l-isforzi l-oħra mill-Forzi Armati, l-immigranti ma kienux isalvaw. Meta mbagħad instabet id-dgħajsa, huwa kellu biss f'moħħu li jkellem lill-bastiment tas-sajd kemm jista' ikun malajr, ħalli jagħtih id-direzzjoni sabiex imur u jsalva n-nies, u għalhekk ma kienx niżżel fir-rapport tiegħu min kien għamel kuntatt mal-imsemmi bastiment. Qal li d-dgħajsa nstabet tletin mil nawtiku iktar 'il bogħod lejn it-Tramuntana, u huma kellhom l-informazzjoni li din kellha l-mutur mhuwiex qed jaħdem u kienet qiegħda timxi mal-kurrent. Spjega li f'kundizzjoni ta' baħar li jibla l-art, ir-riħ ta' tmienja u sittin mil fis-siegħa kien mexxa d-dgħajsa tletin mil. Ix-xhud irrileva li hu kien tkellem wkoll mal-MV Ivan, fejn staqsa jekk dan setax isalva n-nies, imma dan min-naħa tiegħu qallu li kien id-dlam u kien hemm ir-riħ u l-baħar, u għalhekk jekk jersaq lejn id-dgħajsa kien ser jagħmel iktar deni milli ġid. Għalhekk ix-xhud issuġġerielu, u l-bastiment qabel miegħu, li jmur viċin sakemm dan kien sigur, bil-għan li jingħata l-kenn lid-dgħajsa. B'hekk hekk kif il-bastiment aċċetta, ix-xhud għadda l-*coordinates* lill-bastiment tas-sajd u dan mar u salva lin-nies. Ix-xhud esebixxa ritratt li ittieħed mill-ajru[9], iżda huwa kien iżżummja sabiex juri kif kien il-mewġ dakinhar taħt kundizzjoni ta' tletin sa ħamsa u tletin mil nawtiku ta' riħ, li kien isarraf għal erbgħa punt ħamsa metri u iktar ta' mewġ. B'riferiment għal *a fol* 747 tal-proċess, ix-xhud spjega li *track* tfisser il-punt ta' tluq sal-punt ta' fejn spiċċa, jiġifieri fil-każ partikolari dan juri minn fejn għadda l-ajruplan. Ix-xhud iddikjara li d-dgħajsa, meta nstabet kienet eqreb lejn

[9] Dok. CF1 *a fol.* 959.

Lampedusa, jiġifieri tletin mil minn dik il-gżira, u ħamsa u tmenin mil minn Malta, u mija u tletin mil mil-Libja. Spjega li l-kliem *'law enforcement'* kienu jingħataw bħala prassi, u jfissru li d-dgħajsa miexja u mhijiex każ ta' SAR. Dak il-ħin kienet qiegħda f'*'international waters',* u sakemm ma kinitx fi stat ta' '*distress',* huwa ma kellu l-ebda jedd fuqha, u xogħlu bħala koordinatur kien ta' moniteraġġ sabiex jekk teqleb għall-istadju ta' *'distress',* huwa jkun ippreparat għas-sitwazzjoni mhux f'daqqa waħda jiġi rinfaċċjat minn problema li jkun ikkawża huwa stess. Ix-xhud waqt il-kontro-eżami tiegħu, esebixxa rapport tat-temp meħud minn sors militari, u li mexa fuqu dakinhar.[10] Peress li t-tbassir tat-temp ma jkunx mija fil-mija preċiż, huwa kellu jistrieħ ukoll fuq dak li kienu qegħdin jgħidulu l-bastimenti tas-sajd, u l-MV Ivan. Qal li t-temp kien jaffettwa d-deċiżjoni tiegħu dwar liema bastimenti tal-Forzi Armati setgħu jintużaw. Barra minn hekk, it-temp kellu effett fuq deċiżjonijiet dwar żbark, u dwar fejn kienet ser tmur id-dgħajsa. Spjega li fil-każ odjern ir-riħ kien ġej mix-Xlokk, u wieħed irid jara fejn ser imur mingħajr ma jaffaċċja iktar periklu, u għalhekk id-distanza ma kinitx l-unika fattur li kellha tittieħed in konsiderazzjoni. Madankollu l-bandiera tal-bastiment tas-salvataġġ ma kellha l-ebda rilevanza għall-fini ta' *search and rescue.* Ikkonferma li kien hemm pajjiżi bħall-Amerika, fejn l-assi li jintużaw minn RCC kienu privati. Spjega li meta avvża lis-superjuri tiegħu li ma kienx hemm assi biżżejjed sabiex jitwettaq is-salvataġġ, dan kien qalu b'mod ġenerali, għaliex kien hemm ukoll każijiet oħra. Għalhekk ukoll huwa kien ta lill-bastimenti tas-sajd *coordinates* li kienu komuni. Ix-xhud spjega x'kienet tfisser il-*graph* fin-naħa ta' isfel tad-dokument.

23. Flimkien ma' nota ppreżentata fil-31 ta' Awwissu, 2022, l-intimati esebew id-dokumentazzjoni kollha li l-Kaptan Christian Francica obbliga ruħu li

[10] Dok. CFC2 *a fol.* 939.

jippreżenta waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2022 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-temp bejn it-12 ta' April, 2020, minn meta r-rikorrenti daħlu fis-SAR Malti, sal-14 ta' April, 2020, sal-ħin li sar is-salvataġġ, u dan flimkien ma' *affidavit* qasir tal-istess xhud, li fih ġie spjegat il-*format,* is-sors u l-kuntest tad-dokumenti esebiti.

24. Permezz ta' nota ppreżentata fis-17 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrenti esebew *affidavit* tal-**Avukat Paul Borg Olivier**, flimkien ma' dokumenti oħra.[11] Fl-imsemmi *affidavit*, ix-xhud spjega kif huwa kien ġie kkuntattjat f'Mejju 2020, jiġifieri ftit ġimgħat wara l-operazzjoni in kwistjoni mill-membri tal-familja ta' żewġ persuni li kienu tilfu ħajjithom fuq il-baħar, u anki mill-membri tal-familja ta' oħrajn li kienu salvaw, u minn NGOs li kienu jirrappreżentaw l-komunità u d-diaspora Eritreana fl-Ewropa u fl-Amerika. Fl-istess żmien u anki sussegwentement, kienu kkuntattjawh ukoll direttament uħud mill-immigranti li kienu twasslu u tpoġġew fiċ-ċentru ta' detenzjoni Tariq Al Sikka fi Tripli, l-Libja, fejn dawn talbuh għall-assistenza sabiex iressqu l-ilmenti u l-azzjonijiet tagħhom kontra l-awtoritajiet Maltin fir-rigward ta' dak li kien seħħ, għaliex huma kienu qegħdin jallegaw li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tagħhom. Ix-xhud qal li huwa kien aċċetta li jirrappreżenta lir-rikorrenti kollha *in buona fede* u anki *pro bono* minħabba ċ-ċirkostanzi ta' faqar estrem u disperazzjoni li kienu jinsabu fihom ir- rikorrenti u l-familji tagħhom. Għalhekk huwa kien għamel kuntatt mal-Uffiċċju tal-UNHCR f'Tripli, bil-għan li jkollu kuntatt ma' organizzazzjoni uffiċjali li tħares l-interessi tal-immigranti detenuti, u dawk li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil, sabiex b'hekk jassigura s-saħħa u s-sigurtà tad-detenuti. Ix-xhud hawnhekk għamel riferiment għad-dokument immarkat

[11] *A fol.* 1269 *et seq.* tal-proċess.

'UNHCR 01'[12] bħala l-evidenza tal-ewwel kuntatt tiegħu, u spjega li dan kien wieħed tassew diffiċli għaliex il-Libja dak iż-żmien kienet fi stat ta' gwerra. Spjega li wara li huwa kien għamel kuntatt ma' xi uffiċjali tal-UNHCR f'Ġinevra, dawn kienu qabduh ma' Areti Sianni, l-*Assistant Chief of Mission (Protection),* kif evidenzjat mill-*email* tiegħu tat-12 ta' Mejju, 2020, u mit-tweġiba tagħha tat-18 ta' Mejju, 2020, kopji esebiti u mmarkati 'UNHCR 02i'[13] u 'UNHCR 02ii'.[14] B'hekk qal li ġiet faċilitata l-komunikazzjoni bejnu u l-immigranti, b'mod partikolari fir-rigward tar-rappreżentanza. Fil-frattemp ikkomunikaw miegħu diversi immigranti oħra fl-istess sitwazzjoni ta' ritorn lejn il-Libja, u li kienu preżenti għall-istess operazzjoni, fejn dawn kienu qegħdin fiċ-ċentru ta' detenzjoni hemmhekk jew kienu ġew rilaxxjati jew ħarbu minn hemmhekk. Huwa għalhekk kien għamel kuntatt mal-*Assistant Chief of Mission* sabiex dawn in-nies jirrikorru fl-uffiċċju tal-UNHCR ġewwa Tripli, u jagħmlu mill-ġdid il-karti tal-ażil billi dawn kienu tilfuhom jew ittieħdu mill-gwardjani fiċ-ċentru ta' detenzjoni. Huwa kien kellem ukoll lill-*Assistant Chief of Mission* dwar il-kwistjoni tal-prokuri, iżda dak iż-żmien seba' biss mill-imsemmija immigranti setgħu jattendu fiċ-ċentru. Hawnhekk ix-xhud għamel riferiment għad-dokumenti annessi u mmarkati 'UNHCR 03i'[15] u 'UNHCR 03iii'.[16] Ix-xhud spjega kif għalhekk b'*email* tas-16 ta' Ġunju, 2020, esebita mal-*affidavit* tiegħu bħala 'UNHCR 04'[17], l-*Assistant Chief of Mission* assenjat lil Amr Saffour, *Head of Registration* tal-UNHCR ġewwa Tripli, sabiex issir il-verifika tal-persuni li huwa kien qed jirrappreżenta, u sabiex isiru l-prokuri fil-preżenza tal-uffiċjali tal-UNHCR. Ix-xhud esebixxa kopja tal-*email* fejn Amr Saffour ikkonferma d-

[12] ??????
[13] *A fol.* 1275.
[14] *A fol.* 1277.
[15] *A fol.* 1278.
[16] *A fol.* 1280.
[17] *A fol.* 1281.

disponibilità tiegħu għal kull għajnuna sabiex isiru l-prokuri, liema *email* ġiet immarkata 'UNHCR 05'[18] u 'UNHCR 06'.[19] Spjega li dan kien proċess twil, fejn kellha tiġi vverifikata l-identità, isir kuntatt mal-UNHCR f'Tripli, jissejħu għall-assistenza t-tradutturi, u ssir komunikazzjoni bit-telefon permezz ta' *conference call* mal-istess tradutturi lokali u anki barranin, u mal-persuni li huwa għandu r-rappreżentanza tagħhom u mal-UNHCR ġewwa Tripli. F'dan kollu x-xhud qal li kienet ċentrali Sara Elfagih, is-*Senior Registration Officer* mal-UNHCR f'Tripli, li ltaqgħet mal-persuni u spjegatilhom il-kontenut tal-prokura u anki għamlet it-tibdil neċessarju f'dan id-dokument. Kienet hi mbagħad li għaddietlu ċ-ċertifikati ta' ażil u anki l-prokuri li kienu ġew iffirmati fil-preżenza tagħha. L-ewwel prokuri li ġew mgħoddija lilu kienu tal-ewwel seba' immigranti li jidhru fl-okkju tar-rikors promotur, u dawn ġew mgħoddija lilu fis-17 ta' Ġunju, 2020, jiġifieri fl-istess jum li ġew iffirmati. Ix-xhud qal li dan kif jirriżulta mill-kopja tal-korrispondenza annessa mal-affidavit u mmarkata 'UNCHR 07'.[20] Spjega li bejn il-25 ta' Ġunju, 2020, u t-30 ta' Ġunju, 2020, l-UNHCR kienet għaddietlu erba' prokuri oħra li kienu tat-tmien sal-ħdax ir-rikorrent, u dan kif kien jidher mill-korrispondenza li kopja tagħha qal kienet annessa mal-affidavit u mmarkata minn 'UNHCR 08i'[21] sa 'UNHCR 08x'.[22] Ix-xhud qal li sett ieħor ta' prokuri ffirmati u vverifikati minn Sara Elfagih, u anki ċ-ċertifikati tal-ażil, ġew mgħoddija lilu fid-29 ta' Settembru, 2020. Imbagħad fl-4 ta' Ottubru, 2020, għaddiet żewġ settijiet oħra ta' prokuri li kienu ġew iffirmati quddiemha fit-30 ta' Settembru, 2020 u l-4 ta' Ottubru, 2020, flimkien maċ-ċertifikati tal-ażil, u dan kif kien jirriżulta mid-dokumenti 'UNHCR 09i'[23] sa 'UNHCR 09x'.[24] Qal li l-

[18] *A fol.* 1282.
[19] *A fol.* 1283.
[20] *A fol.* 1284.
[21] *A fol.* 1285.
[22] *A fol.* 1294.
[23] *A fol.* 1295.
[24] *A fol.* 1304.

proċess kollu sabiex jingħata l-mandat minn kull persuna fil-kawża, kien dam sitt xhur mid-9 ta' Mejju, 2020, sal-3 ta' Novembru, 2020, kif kienu jixhdu d-dokumenti annessi mal-*affidavit* tiegħu mmarkati minn 'UNHCR 01' sa 'UNHCR 10iv'.[25] Madankollu kif kienet turi l-korrispondenza li kopja tagħha tinsab annessa mal-imsemmi *affidavit* u mmarkata 'UNHCR 10i'[26] sa 'UNHCR10iv'[27], kien proprju fit-2 ta' Diċembru, 2020, li huwa kien irċieva l-aħħar sett ta' prokuri ffirmati u vverifikati mill-UNHCR. Żied jgħid li l-prokuri ta' Maria Philter Gatkuos, Gatwech Rout Nyachon u Alison Nyakoul kienu *misplaced,* iżda huwa kellu l-prokura verbali ta' dawn in-nies. Ix-xhud irrileva li bosta mill-prokuri waslu għandu mingħand l-immigranti nnifishom permezz ta' *messenger* mingħand Yonas Rezene, li miegħu kellu kuntatt billi dan kien jitkellem bl-Ingliż, u hawnhekk ix-xhud għamel riferiment għal Dok. YR 01[28] sa YR 05.[29] Filwaqt li spjega li kien hemm xi diskrepanzi bejn il-prokura u ċ-ċertifikat tal-ażil fir-rigward tad-data tat-twelid ta' erba' rikorrenti, qal li n-numri ta' reġistrazzjoni tar-rikorrenti kien baqa' l-istess. Qal li l-prokuri kollha kienu annessi mal-*affidavit* bħala Dok. PR 01[30] sa PR50[31], filwaqt li 'UNHCR 11'[32] kien jikkonsisti f'elenku tar-rikorrenti. Ix-xhud irrileva li l-mandat verbali tiegħu mingħand l-immigranti waqt li dawn kienu għadhom fiċ-ċentru ta' detenzjoni, qatt ma kien ġie ddubitat jew skartat mill-maġistrat fil-konklużjoni tal-inkjesta, u hawnhekk jagħmel riferiment għal paġna 45 tal-konklużjoni msemmija. Għal dak li jirrigwarda l-prokuri ta' Fthawi Tesfamichael Welday u Asfaha Letenugus Amelesom, dawn kien sar kuntatt magħhom f'Mejju 2020, fejn ivverifika l-

[25] *A fol.* 1308.
[26] *A fol.* 1305.
[27] *A fol.* 1308.
[28] *A fol.* 1310.
[29] *A fol.* 1314.
[30] *A fol.* 1316.
[31] *A fol.* 1408.
[32] *Supra.*

identità tagħhom u tkellem ukoll fit-tul magħhom dwar ir-rabta familjari. Ix-xhud spjega li l-prokuri tar-rikorrenti kienu ġew esebiti fl-atti tal-inkjesta fil-forma ta' *screen shot* fuq *Whatsapp* stante li l-oriġinali ma kienux waslu hawn Malta, u dan kien anness mal-*affidavit* bħala Dok. AĠ01[33], filwaqt li kopja tal-oriġinal kienet annessa bħala Dok. TFW 04[34] u TFW 05[35] u ALA 04 u ALA 05. Irrileva li l-Maġistrat fl-ebda ħin ma wera xi dubju dwarhom jew skartahom fil-konklużjoni tiegħu.

25. Waqt l-udjenza tas-26 ta' Lulju, 2023, xehed **l-Avukat Paul Borg Olivier** in kontro-eżami mill-intimati. Huwa spjega kif l-ewwel kuntatt miegħu sar mir-rikorrent Jonas Rezene permezz ta' *messenger* meta dan kien għadu fiċ-ċentru ta' detenzjoni, iżda wara li saret id-denunzja fejn huwa kien qiegħed jassisti lil Repubblika. Spjega li huwa kien aċċerta ruħu li dan kien fuq id-dgħajsa għaliex kien bagħatlu ritratt tiegħu fuqha. Qal ukoll li sar kuntatt miegħu minn Eritrejan li kien jinsab Bologna, u li jirrappreżenta l-komunità Eritreana f'dik il-belt. Iżda kien hu li sussegwentement għamel kuntatt mal-UNHCR. Iddikjara li huwa ma setax jgħid jekk kienx hemm min huwa *trafficker* fost l-immigranti, u huwa ma kienx talab għall-fedina penali tagħhom. Spjega li l-kommunikazzjoni mal-immigranti kienet issir l-aktar permezz ta' *messenger,* iżda wkoll permezz ta' *Whatsapp,* u fuq kollox ħafna drabi b'mezz telefoniku. Ix-xhud qal li b'xi mod jew ieħor huwa kien kellem lill-immigranti kollha, u sallum għadu f'kuntatt dirett ma' bosta minnhom. Ikkonferma li sallum l-ebda prokura ma kienet ġiet irtirata, u huwa kien għad għandu in kuntatt magħhom. Ix-xhud spjega kif illum l-immigranti jinsabu mferxin mal-Ewropea taħt *settlement programmes* jew marru r-Rwanda f'kamp tal-UNHCR. Dwar il-prokuri, qal li huwa kien bagħat

[33] *A fol.* 1409.
[34] *A fol.* 1427.
[35] *A fol.* 1429.

*template* u kien ħalla f'idejn UNHCR sabiex din timtela u jiġu identifikati l-firmatarji, u filfatt Sara Elfagih kienet tinfurmah meta tagħmel xi emenda. Spjega li huwa kien ħa wkoll l-istejjer tagħhom, u vverifika ċerti fatti sabiex b'hekk huwa seta' jikkunsidra li huma tassew kienu hemm, dan filwaqt li l-UNHCR kienet taf ukoll min-naħa tagħha bejn wieħed u ieħor il-persuni li kienu ntbagħtu lejn il-Libja, fejn din saħansitra kienet preżenti meta niżlu minn fuq id-dgħajsa fil-port ta' Tripli, u tawhom il-*humanitarian packs.* Innega li huwa kien ħalla f'idejn il-UNHCR, u spjega kif kien għamel il-verifiki individwali tiegħu mal-maġġoranza tar-rikorrenti, fejn saħansitra kellu *video* tagħhom jitolbu bl-ilsien Eritrean fuq id-dgħajsa. Dawn imbagħad kienu marru jiffirmaw il-prokura b'appuntament mal-UNHCR. Ix-xhud spjega kif l-*asylum seeker certificate* kellu jerġa' jinħarġilhom għaliex dan kienu tilfuh fuq il-baħar, iżda xorta waħda kienu jidhru fis-sistema tal-UNHCR bir-ritratt tagħhom. Huwa kien ivverifika li r-rikorrenti kienu fehmu l-kontenut tal-prokura, u dan għaliex kif jirriżulta mill-*emails,* Sara Elfagih kienet spjegatilhom il-kontenut tagħha anki permezz ta' traduzzjoni minn persuni oħra fil-każ li kienu jitkellmu b'ilsien ieħor.

26. Permezz ta' nota ppreżentata waqt l-udjenza tas-26 ta' Lulju, 2023, l-intimati esebew dokument immarkat 'Dok DISK'[36], fejn indikaw diversi diskrepanzi bejn l-isem u n-numru tal-UNHCR indikat fl-okkju, u dak indikat fil-prokura u/jew iċ-ċertifikat tal-ażil.

27. Permezz ta' nota oħra ppreżentata waqt l-istess udjenza, huma esebew wkoll dokument immarkat 'Dok MIN'[37], fejn permezz ta' elenku ndikaw min mir-rikorrent kien minorenni meta ffirma l-prokura kkontestata, u anki isem

[36] *A fol.* 1491.
[37] *A fol.* 1493.

dawk il-persuni li ma ġietx esebita l-ebda prokura fir-rigward tagħhom, jew li d-data tat-twelid tagħhom ma setgħetx tinqara.

28. Waqt l-istess udjenza, l-intimati ppreżentaw ukoll nota oħra flimkien ma' dokument immarkat 'Dok JB1'[38], konsistenti f'affidavit ta' **John Buttigieg**, Direttur għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li jirrisjedu barra minn Malta. Fl-*affidavit* tiegħu x-xhud spjega li huwa ngħaqad mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ fl-1998, u kienu ilu jokkupa l-kariga tiegħu sa mill-2016. Iddikjara li l-Libja mhijiex firmatarja tal-'Apostille Convention', ossija l-*'Convention of 5 October 1961 Abolishing the Requirement of Legalisation for Foreign Public Documents'*, u għaldaqstant dokument magħmul f'dak il-pajjiż għandu jiġi legalizzat fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Libjan u kontro-legalizzat fil-Missjoni/Ambaxxata ta' Malta ġewwa Tripli, u b'hekk jiġu awtentikati l-prokura u l-firem fuqha għall-fini ta' validità hawn Malta. Ix-xhud irrileva li fis-sena 2020 il-Missjoni Maltija fil-Libja kienet magħluqa għal xi żmien, iżda l-Ambaxxata Maltija u anki Ambaxxati oħrajn bdew joffru s-servizzi tagħhom fl-Ambaxxati tagħhom rispettivi fit-Tuneżija jew fl-Eġittu.

29. Waqt l-istess udjenza tas-26 ta' Lulju, 2023, l-intimati ppreżentaw nota li permezz tagħha esebew dokument immarkat 'Dok UNCHRX'[39], li skont huma jikkonsisti fi skambju tal-*emails* kollha bejn Areti Sianni u l-Avukat Susann Agius.

30. Waqt l-imsemmija udjenza, xehed bl-ilsien Għarbi tradott għall-Malti mill-interpretu Nadia Lanzon, ix-xhud **Ali Eswayeh**, prodott mill-intimati. Spjega li l-professjoni tiegħu hija dik ta' avukat u li huwa kien jipprattika fil-Libja u anki fl-esteru. Huwa esebixxa l-liċenzja/*warrant* tiegħu relattiva, maħruġa

[38] *A fol.* 1497.
[39] *A fol.*

mil-Kamra tal-Avukati ġewwa l-Libja, liema dokument ġie mmarkat 'Dok WRNT'.[40] Ix-xhud kompla jispjega li huwa kien jipprattika l-liġi kriminali, dik internazzjonali u anki kummerċjali. Muri 'Dok POAX'[41] esebit mill-intimati, ix-xhud ikkonferma li l-aħħar paġna kienet tikkonsisti fil-formola li kellha tintuża sabiex issir prokura. Qal li sabiex issir prokura valida fil-Libja, wieħed kellu jmur personalment għand avukat fejn issir applikazzjoni, u wara li l-avukat jistudja l-każ, dan jippreżentaha fil-qorti. Spjega li l-formola wżata hija bl-ilsien Għarbi, u dan skont kif titlob il-liġi ġewwa l-Libja, u trid tiġi ffirmata mill-Kamra tal-Avukati hemmhekk. Ix-xhud qal li persuna li tagħmel prokura, għandha jkollha iktar minn tmintax-il sena, u kkonferma li d-dokument li ġie esebit mill-intimati bħala 'Dok AE1',[42] kien fih indikat id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi Libjana. Ix-xhud irrileva li l-persuna li trid tiftaħ il-proċeduri, għandha tiffirma l-prokura quddiem avukat li jassigura l-identità u l-età tagħha. Meta ġie muri l-prokuri esebiti mir-rikorrenti, irrileva li dawn kellhom ikunu bl-ilsien Għarbi, li huwa l-ilsien uffiċjali tal-Libja fejn il-liġi hekk teżiġi. Qal li hemm formola appożita sabiex issir prokura ġewwa l-Libja, u din tistabbilixxi l-obbligu u ir-rwol tal-avukat u f'liema qorti ser tintuża. Ix-xhud iddikjara li d-dokument li kien qed jiġi muri a *fol.* 1368 ma kellu l-ebda validità għaliex ma kienx skont ir-regoli legali tal-Libja, fejn dan kellu jiġi redatt bl-Għarbi u l-avukat kellu jkun rikonoxxut ġewwa l-istess pajjiż sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu. In kontro-eżami mir-rikorrenti, ix-xhud stqarr li huwa ma kienx jaf x'kien hemm bżonn skont il-liġi Maltija sabiex issir prokura valida. Qal li l-prokura li ssir fil-Libja hija valida għal dak il-pajjiż, u ma tistax tiġi applikata f'pajjiż esteru, u kkonferma li huwa ma kienx jaf jekk il-prokura in kwistjoni kinitx tiswa hawn Malta, għaliex il-liġi Maltija ma kienx jafha. Ikkonferma li fis-sena 2022 il-Libja kienet fi stat ta'

[40] *A fol.* 1545.
[41] *A fol.* 1547.
[42] *A fol.* 1551.

gwerra, u xi ambaxxati kienu baqgħu jiffunzjonaw ġewwa Palm City, u l-Qorti ġewwa Tripli baqgħet taħdem. Ix-xhud waqt ir-rieżami tiegħu, spjega li huwa ma setax jirrilaxxja prokura ġewwa l-Libja li tkun tiswa Malta. F'dak il-każ il-prokura kellha tiġi tradotta u awtentikata mill-Konslu, għaliex il-Libja ma kinitx firmatarja tal-Konvenzjoni. Spjega li d-dokument ikollu jgħaddi minn erba' ministeri differenti.

31. Waqt l-imsemmija udjenza, xehed ukoll **l-Avukat Paul Borg Olivier** minn jeddu. Spjega li l-persuna li huwa kellu kuntatt miegħu meta ġie mistoqsi dwar NGOs jew xi diskussjonijiet li huwa kellu ma' rappreżentanti tad-diaspora Eritrejana, kien jismu Abram Tesfai li huwa fundatur ta' NGO bl-isem Eritrea Democratica bbażata f'Bologna. Ix-xhud qal li l-għan ta' din l-NGO kien li tassisti refuġjati fl-Italja. L-Avukat li mbagħad semma li kien tkellem magħha dwar kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali, kien kunjomha Tranchetti.

32. Permezz ta' nota ppreżentata waqt l-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2023, ir-rikorrenti esebew is-segwenti dokumenti:

(i) elenku tar-rikorrenti u indikazzjoni fejn huma jinsabu preżentement, immarkat 'DOK ES01i' sa 'DOK ESO1ii'[43];
(ii) kopja tal-korrispondenza permezz ta' *messenger* ma' Maria Philter Gatkous, immarkata 'DOK MPG01'[44] sa 'DOK MPG07'[45];
(iii) dokument bl-isem tal-NGO Taljana mmexxija minn Abraham Tesfai, immarkat 'DOK ED01'[46] sa 'DOK ED02'[47];

[43] *A fol.* 1598 u 1599.
[44] *A fol.* 1600.
[45] *A fol.* 1606.
[46] *A fol.* 1607.
[47] *A fol.* 1608.

(iv) kopja ta' korrispondenza ma' Yonas Rezene, immarkata 'DOK EYR01'[48] sa 'DOK EYR09'[49];

(v) kopja ta' Mistoqsijiet Parlamentari bejn Frar 2018 u Marzu 2021, li jindikaw l-għeluq temporanju tal-Ambaxxata Maltija fil-Libja, immarkati 'DOK MP01'[50] sa 'DOK MP02'[51];

(vi) kopja ta' rappurtaġġ fil-gazzetta *'The Times'* ta' dikjarazzjoni tal-Prim Ministru l-Avukat Robert Abela, immarkata 'DOK TOM 01i'[52] sa 'DOK TOM 01iii'[53];

(vii) kopja ta' rappurtaġġ fl-istess gazzetta li juri li l-Ambaxxata Maltija ġewwa Tripli, il-Libja, kienet reġgħet bdiet topera, u li kellhom jinfetħu konsulati f'Bengażi u f'Misurata li kienu għadhom magħluqa, immarkata 'DOK TOM 02i'[54] sa 'DOK TOM02iii'[55];

(viii) kopja ta' intervista li saret minn *'Libyan Express'* mal-ambaxxatur Malti għal-Libja fl-10 ta' Ottubru, 2021, fejn dan stqarr li l-Ambaxxata u l-konsolati kienu ilhom magħluqin għal sitt snin mill-2015 sal-2021, u immarkata 'DOK CS 01i'[56] sa 'DOK CS01iv'[57];

(ix) kopja ta' rapport tal-UNHCR tat-8 ta' Ġunju, 2010, li juri li l-Libja mhijiex firmatarja tal-1951 Refugee Convention, immarkata 'DOK UNHCR01'[58], u elenku tal-pajjiżi firmatarji mmarkat 'DOK UNRC01i'[59] sa 'DOK UNRC01iii'[60]; u

[48] *A fol.* 1609.
[49] *A fol.* 1616.
[50] *A fol.* 1618.
[51] *A fol.* 1619.
[52] *A fol.* 1620.
[53] *A fol.* 1622.
[54] *A fol.* 1623.
[55] *A fol.* 1625.
[56] *A fol.* 1626.
[57] *A fol.* 1628.
[58] *A fol.* 1630.
[59] A *fol.* 1631.
[60] *A fol.* 1633.

(x) kopja mis-sit https://www/unhcr/org/mt/asylum-seekers-in-malta immarkata 'DOK UNHCR 02'.[61]

33. Waqt l-istess udjenza reġa' xehed **l-Avukat Paul Borg Olivier** minn jeddu. Ix-xhud ikkonferma bil-ġurament tiegħu l-kontenut tad-dokumenti 'DOK ES01i'[62] u 'DOK ES 01ii'[63], u ddikjara li l-ebda wieħed mill-persuni ndikati hemmhekk ma kien jinsab f'Malta. Huwa spjega wkoll kif inhuma mqassmin dawn id-dokumenti. Irrileva li fit-tieni dokument esebit, kien hemm indikat li huwa kellu prokura bil-fomm mingħand żewġ persuni, għaliex sal-14 ta' Diċembru, 2020, dawn ma kienux għadhom marru l-UNHRC sabiex jimlew il-prokura. Spjega li t-tielet dokument elenkat fin-nota tiegħu, kien jikkonsisti f'komunikazzjoni mar-rikorrent Yonas Rezene permezz ta' *messenger.* Huwa għamel riferiment ukoll għal 'DOK EYR07'[64], fejn hemm ritratt tar-rikorrent fuq id-dgħajsa. Dwar 'DOK MP01'[65] u 'DOK MP02'[66], ix-xhud spjega li dawn kienu jikkontjenu mistoqsijiet Parlamentri fir-rigward tal-għeluq tal-Ambaxxata u l-Konsolati ta' Malta ġewwa l-Libja, u konsegwentement sabiex huwa seta' jiffaċilita l-proċess tal-prokuri, ir-rikorrenti kienu rrikorrew għand l-UNHCR li kienet l-uniku organizzazzjoni internazzjonali ta' ċerta portata. Spjega li 'DOK TOM 01'[67] li kien juri stqarrija magħmula mill-Prim Ministru li sa April 2021 l-Ambaxxata ta' Malta fil-Libja kient għadha magħluqa, issaħħaħ il-mistoqsija Parlamentari appena msemmija. Qal li 'DOK TOM 02 kien jikkonsisti f'aħbar ta' żjara tal-Ministru Libjan f'Malta, fejn il-Ministru għall-Affarijiet Barranti ta' dak iż-żmien, Evarist Bartolo, kien iddikjara li l-Ambaxxata ta' Malta fi Tripli kienet reġgħet bdiet tiffunzjona, u kien hemm l-intendiment li jinfetħu konsolati

[61] A *fol.* 1634-1645.
[62] *Supra.*
[63] *Supra.*
[64] *Supra.*
[65] *Supra.*
[66] *Supra.*
[67] *Supra.*

f'Bengażi u Misurata. Ix-xhud irrileva li minn dan kollu wieħed seta' jara li l-Ambaxxata Maltija kienet fetħet biss wara li kien sar il-proċess kollu għall-ħruġ ta' prokuri. Hawnhekk ukoll jagħmel riferiment għal 'DOK CS01'[68], u stqarr li b'hekk jirriżulta li minħabba s-sitwazzjoni ġewwa l-Libja, l-Ambaxxata Maltija u l-konsolati kienu magħluqin bejn l-2015 sal-2021. Dwar 'DOK UNHCR01'[69], ix-xhud jispjega li dan jikkonsisti f'rapport tan-Nazzjonijiet Magħquda tal-2010 fejn ingħad li l-Libja ma kinitx firmatarja tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati tal-1951. Kompla jispjega li dak iż-żmien il-UNHCR kienet tkeċċiet mil-Libja, u llum kellha preżenza hemmhekk, għalkemm mhux waħda formali. Id-dokument li kien isegwih kien jikkonsisti f'elenku ta' dawk il-pajjiżi li huma firmatarji ta' dik il-Konvenzjoni, u l-Libja ma kinitx tidher f'dak l-elenku. Għal dak li jirrigwarda l-aħħar dokument li esebixxa, ix-xhud spjega li dan jikkonsisti f'elenku tad-drittijiet ta' dawk il-persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil, u x-xhud hawnhekk jagħmel aċċenn għal paġna 10, fejn hemm indikat li minuri bejn is-sittax-il u s-sbatax-il sena li ma kienux akkompanjati, setgħu jiġu trasferiti f'ċentri ta' akkomodazzjoni għall-persuni adulti li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil. Qal li minn dan kien jirriżulta għaliex il-UNHCR baqgħet toħroġ id-dokumenti tal-ażil, u anki l-prokuri għal dawk li kellhom sittax-il sena 'il fuq. Fir-rigward ta' 'DOK ED01'[70], ix-xhud spjega li l-NGO Eritrea Democratica, li kienet tirrappreżenta l-Eritreani ġewwa l-Italja, kienet għamlet kuntatt miegħu u serviet sabiex iffaċilitat ukoll il-proċess tal-prokuri. Żied jgħid li f'dawn l-aħħar xhur huwa kien ukoll qed jiġi assistit fil-kuntatti mar-rikorrenti mill-kollega tiegħu l-Avukat Evelyn Borg Costanzi, u dan permezz anki ta' interpretu, jew permezz ta' *Google Translate* fejn ma kienx hemm interpretu. Ix-xhud irrileva li l-kuntatt ma' dawk ir-rikorrenti li kienu għadhom fil-Libja jew f'kampijiet tal-

[68] *Supra.*
[69] *Supra.*
[70] *Supra.*

UNHRC ġewwa r-Rwanda jew n-Niġerja, kien wieħed iktar mill-viċin għaliex l-i*status* tagħhom bħala *persons of concern,* kien wieħed iktar serju. Dwar id-data tat-twelid li tiġi ndikata fuq id-dokument tal-ażil, qal li din tkun waħda approssimattiva, u għalhekk bosta drabi tidher id-data tal-1 ta' Jannar. Għalhekk iktar importanti għalih sabiex jiddentifika persuna kien in-numru li jkun ingħata mill-UNHCR fuq iċ-ċertifikat tal-ażil li kienu kollha datati qabel April, 2020, għaliex ir-rikorrenti kienu diġà rrikorrew u ġew identifikati mill-UNHCR bħala *persons of concern* qabel ma telgħu fuq id-dgħajsa. Qal li s-*serial number* li huma jingħataw jibqa' dejjem l-istess. Ix-xhud esebixxa żewġ dokumenti li ġew issiġillati, u mmarkati 'Dok AAA1' [71] u 'Dok AAA2' [72], rispettivament. Għal dak li kien jirrigwarda d-dokument esebit mill-intimati 'Dok DISC', jispjega li l-iżbalji ħafna drabi kienu tipografiċi, u huwa kien mexa fuq l-ismijiet li kienu tawh ir-rikorrenti stess. B'riferiment għax-xhieda tiegħu mogħtija waqt l-udjenza tas-26 ta' Lulju, 2023, jispjega li l-ewwel inċentiv qabel il-prokura kien id-dokument tal-ażil, li kien essenzjali sabiex toħroġ il-prokura. In kontro-eżami u b'riferiment għal 'DOK ES01i'[73], ix-xhud iddikjara li huwa ma kellux informazzjoni sħiħa dwar min mir-rikorrenti kien ingħata protezzjoni internazzjonali, u ma kienx f'pożizzjoni li jagħtieha. Wieġeb ukoll li huwa ma kienx jaf li fl-2008 kienu ġew iffirmati diversi dokumenti sabiex b'hekk jiġu kkawtelati d-drittijiet tar-refuġjati.

34. Waqt l-istess udjenza, l-intimati esebew permezz ta' nota dokument maħruġ mill-UNHCR intestat 'Annual Results Report 2022 Libja, li ġie mmarkat 'Dok. AAA 3'.[74]

---

[71] *A fol.* 1691.
[72] *A fol.* 1691a.
[73] *Supra.*
[74] *A fol.* 1693.

35. Waqt l-imsemmija udjenza tal-25 ta' Settembru, 2023, xehdet l-Avukat **Evelyn Borg Costanzi**. Ikkonfermat li hija ħadmet flimkien mal-kollega tagħha l-Avukat Paul Borg Olivier sa mill-bidunett, hekk kif l-immigranti kienu fuq id-dgħajsa. Spjegat kif fit-2 ta' Ġunju, 2023, huma kellhom laqgħa ma' ħamsa mir-rikorrenti li kienu għadhom fil-Libja, u dan fil-preżenza ta' interpretu li kien jisimha Doumia Borg. F'din il-laqgħa, l-imsemmija rikorrenti kienu kkonfermaw il-prokura, u staqsew fejn kienu waslu l-proċeduri odjerni, anki għaliex kienu qegħdin idumu daqstant.

36. Permezz ta' nota ppreżentata waqt l-istess udjenza, ir-rikorrenti esebew affidavit tal-**Avukat Evelyn Borg Costanzi**.[75] Ix-xhud ikkonfermat li flimkien mal-kollega tagħha l-Avukat Paul Borg Olivier, hija kienet qiegħda tippatroċinja l-kawża odjerna. Qalet li hija kienet involuta sa mill-bidunett, u kienet taf bil-komunikazzjoni li kellu l-Avukat Paul Borg Olivier mar-rikorrenti, anki fejn huwa ħadem sabiex jikseb mingħandhom prokura wara li dawn talbuh sabiex jassistihom u jirrappreżentahom. Ix-xhud spjegat li l-istess Dr Paul Borg Olivier kien qalilha li għalkemm skont il-liġi Maltija, prokura bil-fomm kienet suffiċjenti, ma kienx faċli li wieħed jagħmel kawża b'dan il-mod, minħabba n-numru konsiderevoli ta' rikorrenti u anki minħabba li huma kienu minn kienu, u fejn kienu jinsabu. Qalet li Dr Borg Olivier dejjem żammha nfurmata bl-iżviluppi fir-rigward tal-ksib tal-prokuri, proċess li spjegat ma kienx faċli u tawwal għal diversi xhur minn Ġunju 2020 sa Diċembru 2020, iżda sal-ewwel seduta huma kellhom f'idejhom il-prokuri kollha. Irrilevat li wħud mill-immigranti ma kienux marru għall-appuntament tagħhom mal-UNHCR għaliex kienu morda, u fil-każ ta' Maria Philter Gatkous il-kollega tagħha kellu l-prokura bil-fomm. Ix-xhud spjegat li l-prokuri ma kienux ġew ippreżentati fl-ewwel seduta għaliex il-Qorti

[75] *A fol.* 1702.

kienet iddeċidiet li qabel xejn kellha tigi ttrattata l-eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni. Qalet li matul il-proċeduri odjerni, il-kollega tagħha kien jinfurmaha bil-movimenti tar-rikorrenti b'mod ġenerali, u dan l-aħħar talabha sabiex tassistih u tkun preżenti waqt li kien qiegħed jikkomunika ma' wħud mir-rikorrenti li kienu għadhom ġewwa l-Libja jew fin-Niġer, fejn dawn kienu qegħdin jilmentaw dwar il-kundizzjonijiet diffiċli tagħhom u l-fatt li l-proċeduri hawn Malta kien qegħdin jitwalu. Irrilevat li wieħed mill-kuntatti li sar ma' ħames persuni mill-Eritrea li jinsabu fil-Libja, kien sar permezz ta' *video call* fit-2 ta' Ġunju, 2023, fejn kienet ukoll preżenti l-interpretu Dounia Borg. Hija kienet ikkonfermat l-identità tagħhom mid-dokument tal-ażil maħruġ mill-UNHCR fi Tripli, u li huma kienu urew. Spjegat li dan huwa dokument ta' identità, u l-persuni ndikati minnha kien bagħtu ritratt mill-ġdid tad-dokument via *Whatsapp* fuq in-numru tal-kollega tagħha. Qalet li huma kienu wkoll ikkonfermaw il-prokura li kienu taw lill-Avukat Paul Borg Olivier. Huma kienu esprimew l-interess tagħhom sabiex il-kawża odjerna titkompla, u lmentaw dwar id-dewmien, tant li ddiskutew rimedji oħra possibbli.  Sar ukoll kuntatt ma' tliet immigranti oħra, iżda sħabhom infurmawhom li dawn ma setgħux jattendu għaliex kienu f'żona oħra.  Fl-20 ta' Ġunju, 2023, sar ukoll kuntatt ma' rikorrent ieħor li llum kien qiegħed f'kamp tal-UNHCR ġewwa n-Niġer, iżda huma ma setgħux jagħmlu kuntatt ma' rikorrent Abraham Puok Deng minħabba li r-*reception* kienet ħażina. L-interpretu ma kinitx hemm għaliex weħlet fuq każ ieħor, iżda l-kuntatt sar permezz ta' *Google Translate,* fejn ikkonferma l-prokura li ffirma favur l-Avukat. Dan ukoll kien ikkonferma l-prokura tiegħu u ma weriex ix-xewqa li jirtiraha, iżda saħansitra wera l-interess li l-proċeduri jitkomplew. Miegħu huma kienu tkellmu wkoll dwar rimedji oħra possibbli stante li kien qed iħoss li l-proċeduri kienu qegħdin jitwalu.

**Konsiderazzjonijiet legali**

37. Il-Qorti tikkunsidra li permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, l-intimati qegħdin jeċċepixxu li l-Avukat Paul Borg Olivier, bħala l-mandatarju tar-rikorrenti, għandu juri li huwa għandu l-mandat ta' kull wieħed minnhom sabiex jintavola l-proċeduri preżenti. Waqt l-udjenza tas-26 ta' Lulju, 2023, l-Avukat Paul Borg Olivier ivverbalizza dan li ġej meta wera li ma kienx qiegħed jaqbel li l-intimati kellhom iressqu espert fil-materja tad-dritt internazzjonali privat, u li fil-fehma tal-Qorti kellu jiddentifika sew il-kwistjoni li hija għandha quddiemha:

> *"...jirrileva li fil-preżent qegħdin nittrattaw il-validità o meno tal-prokuri skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici Ċivili jew il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (COCP) dwar l-applikabilità tagħhom f'kawża li l-ġurisdizzjoni tagħha hija f'Malta. Għaldaqstant u f'dan l-istadju r-rikorrenti nomine jissollevaw illi dak li trid tara l-Qorti f'dan l-istadju huwa biss u limitatament jekk il-prokuri preżentati in atti jinkwadrawx skont ir-rekwiziti legali naxxenti mill-istess disposizzjonijiet...".*

38. Illi l-Qorti tqis li jekk id-dokumenti li ppreżentaw ir-rikorrenti rappreżentanti l-prokuri li huma ffirmaw favur l-Avukat Paul Borg Olivier, ma setgħux jiġu validament esebiti f'dawn l-atti, stante li ma sarux skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 628 tal-Kap. 12, għaliex ma ġewx debitament ippreżentati quddiem l-awtoritajiet esteri u quddiem rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta għall-finijiet ta' awtentikazzjoni u legalizzazzjoni. Dan ir-rekwiżit proċedurali ġie kkonfermat kemm mix-xhud John Buttigieg, Direttur għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li jirrisjedu barra minn Malta fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, u anki mix-xhud l-Avukat Libjan Ali Eswayeh, li spjegaw il-pożizzjoni legali ta' Stati bħal-Libja li mhumiex firmatarji tal-'Apostille Convention' tal-1961. Għalhekk il-Qorti tqis m'hemmx bżonn li jiġu kkunsidrati kwistjonijiet ulterjuri ta' dritt internazzjonali privat.

39. L-artikolu 628 tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

> "628. L-atti ta' Gvern barrani, jew ta' dipartiment ta' gvern barrani, jew ta' qrati ta' ġustizzja barranin, jew ta' stabbilimenti barranin, awtentikati, mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn persuna li tkun qed isservi f'servizz diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorità oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, huma wkoll ammissibbli bi prova bl-istess mod bħad-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan."

Il-Qorti tqis li l-prokuri in kwistjoni, ċertament li ma ġewx esebiti f'dawn l-atti wara li kienet saret id-debita proċedura li kellha ssir sabiex jiġu ammessi bħala prova valida tal-mandat li r-rikorrenti taw lill-Avukat Paul Borg Olivier. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi appena ċitati, jagħmluha ċara li dokument magħmul barra minn Malta ma jistax jiġi ppreżentat quddiem il-Qrati Maltin mingħajr id-debita awtentikazzjoni/legalizzazzjoni kif imfissra mill-istess dispożizzjonijiet. Il-Qorti tagħraf li dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' ordni pubbliku, u għalhekk m'għandha tippermetti l-ebda deroga minnhom, u mhux kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti. Huwa inutli li huma jargumentaw li fiż-żmien li saru l-prokuri, il-Libja kienet tinsab fi stat ta' gwerra ċivili, għaliex huma saħansitra naqsu milli juru li dan wassal għall-impossibilità assoluta għalihom li jeżegwixxu prokura valida awtentikata kif titlob il-liġi. Tikkunsidra li hawnhekk huwa ċar saħansitra li l-prokuri kif redatti, anki li kieku saru hawn Malta, għandhom diversi mankanzi, qabel xejn għaliex kellhom jiġu redatti bl-ilsien tar-rikorrenti, u sussegwentement tradotti għall-ilsien Malti minn traduttur iċċertifikat. Tagħraf ukoll li wħud mill-prokuri saru wara li ġew intavolati l-proċeduri odjerni, imma dawk il-prokuri ma jsemmu l-ebda ratifika tal-azzjoni meħuda mill-mandatarju quddiem dawn il-Qrati. Dan kollu minbarra kwistjonijiet oħra, bħall-kapaċità ta' uħud oħra minnhom bħala minorenni, u saħansitra l-modalità

ta' kif kellha ssir il-prokura, li għandhom jiġu deċiżi skont il-liġi applikabbli fir-rigward tal-imsemmija prokura, u ċjoé skont il-liġi tal-pajjiż fejn saru l-imsemmija prokuri. Hawnhekk il-Qorti tikkunsidra li għandha tindirizza wkoll l-argument tar-rikorrenti fejn huma jsostnu li l-prokura bil-fomm ta' oħrajn minnhom għandha tiġi kkunsidrata valida. Il-Qorti ma taqbilx. Għalkemm il-liġi Maltija tikkontempla din il-possibbiltà, tikkunsidra li dan jista' jsir biss jekk il-mandatarju jinsab hawn Malta, u b'hekk hija l-liġi Maltija li tirregola l-mandat tiegħu. Ma tikkunsidrax li l-leġislatur permezz tas-subartikolu 1857(2) tal-Kodiċi Ċivili, kien qiegħed jikkontempla sitwazzjonijiet bħal dawk odjerni, fejn il-kelma bil-fomm tal-mandat mingħand il-mandatarju li jirrisjedi barra minn Malta, tkun suffiċjenti għall-finijiet ta' validità skont il-liġi. Ir-rikorrenti iqajmu wkoll diversi argumenti b'riferiment għall-ġurisprudenza ta' din il-Qorti stess, u anki ta' Qrati oħra Maltin, imma anki għal deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali. Iżda l-Qorti tikkunsidra li kull każ għandu jiġi kkunsidrat skont il-fattispecie tiegħu, u ma jirriżultax lill-Qorti li l-fatti tal-każ odjern huma identiċi għal xi wieħed mill-każijiet ċitati mill-imsemmija rikorrenti, anki dak deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali, fejn fuq il-prokura jirriżulta wkoll li kien hemm l-impronti diġitali tal-mandanti.

40. Tosserva li għalkemm tressqu diversi provi mill-imsemmija rikorrenti, liema provi eżorbitaw lil hinn mid-difiża tagħhom għall-ewwel eċċezzjoni tal-intimati dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, billi saħansitra saru wkoll fuq il-mertu, din il-prova sempliċi iżda essenzjali sabiex jitmexxew dawn il-proċeduri, ma saritx. Il-Qorti tikkunsidra li din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati tressqet b'kull raġun, għaliex għalkemm l-Avukat Paul Borg Olivier fir-rikors promotur jiddikjara li huwa kien qed iressaq l-imsemmi rikors għan-nom u in rappreżentanza ta' dawk il-persuni li tagħhom huwa jelenka isimhom, jonqos li jindika kif ingħata l-mandat tiegħu jew tal-inqas jieħu ġurament dwar dan. Il-

Qorti jidhrilha li l-allegazzjonijiet magħmulin mir-rikorrenti huma tassew serji, u għaldaqstant kienu jimmeritaw l-akbar attenzjoni fit-tmexxija ta' kull prova. Ma kellux ikun li l-intimati jkollhom lok li jressqu eċċezzjoni dwar il-mandat, u lanqas li din il-Qorti jkollha tiddeċidiha, għaliex kellha tkun l-ewwel prova tar-rikorrenti saħansitra qabel kull prova oħra. Wara kollox, kif ser tiddeċiedi din il-Qorti, mingħajrha l-proċeduri preżenti ma jistgħux jitressqu quddiemha kif proposti, u saħansitra lanqas mir-rikorrenti stess stante li ma jirriżultax li huma jinsabu hawn Malta. Għaldaqstant anki fid-dawl ta' dak li jipprovdi għalih il-para. (b) tas-subartikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti m'għandha l-ebda ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna. Tikkunsidra li dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi huma ta' ordni pubbliku u għalhekk il-Qorti ma tistax tkompli bis-smigħ tal-proċeduri odjerni qiesu xejn mhu xejn billi twarrabhom, affaċċjata wkoll b'allegazzjonijiet daqstant serji ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' it-tielet eċċezzjoni tal-intimati, u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**